# dawl Franġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



JANNAR 09 – ID-29 SENA – GĦADD 286 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

















3 **Sfida Msarrfa f'Opportunitá**
Editorjal

4 **Abigajl**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Ħsibijiet fuq San Pawl (5)**
minn Fr Martin Micallef OFMCap

10 **Monument Għall-Papa Ġwanni Pawlu II f'Kuba**
minn Fr Philip Cutajar OFMCap

12 **L Olimpjadi 2008**
minn Joe Attard

13 **Il-Bidu U L-Iżvilupp tad-Djoċesi Ta' Garissa (I)**
minn P. Silvestru Bonavia OFMKap

21 **Saħħtek**
minn Dr Chris Sciberras

22 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

23 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

24 **Novella**
minn Emily Barabaro-Sant

25 **Vokazzjoni**
minn P. Ivan Scicluna OFMCap

26 **Nifhmu 'l Uliedna**
minn Fr Joseph Calleja OFMCap

28 **Il-Bolol ta' Malta (11)**
minn Tony C. Cutajar

29 **Poeżija**
minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap, Isqof ta' Malindi

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **San Pawl - Dedikazzjoni Sħiħa għal Kristu, Miftuħ għall-Umanità (2)**
minn Harry Agius Ordway


Reading Room



*Qoxra:*
**Pittura ta' wara l-Altar fil-knisja ta' San Franġisk f'Pesero, l-Italja, minn Giovanni Bellini - tirrappreżenta l-inkoronazzjoni tal-Madonna minn Binha Ġesù.**

***Id-Direzzjoni ta' DAWL FRANĠISKAN tawgura Paċi u Ġid, lill-abbonati u l-qarrejja kollha matul is-Sena l-Ġdida 2009.***


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGH**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidħrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2009
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Centru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



# SFIDA MSARRFA F'OPPORTUNITÁ

## 25 sena mill-Ordinazzjoni tal-Isqof Pawlu Darmanin OFMCap
## 35 sena ta' preżenza tal-Kapuċċini Missjunarji Maltin fil-Kenja

**Matul l-ewwel sitt xhur ta' din is-sena b'ħafna gratitudni lejn il-Mulej u b'apprezzament lejn Mons. Isqof Pawlu Darmanin u għadd sabiħ ta' Aħwa Kapuċċini missjunarji Maltin, il-Provinċja Kapuċċina Maltija tfakkar u tiċċelebra il-Ħamsa u Għoxrin Anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Garissa u l-Ordinazzjoni tal-ewwel Isqof tagħha flimkien mal-Ħamsa u Tletin sena ta' preżenza missjunarja attiva tal-Kapuċċini Maltin fil-Kenja.**

Dan se jsir billi f'kull ħarġa ta' DAWL FRANĠISKAN għadd ta' paġni jkunu qed jittrattaw speċifikament l-oriġini, l-iżvilupp u tkabbir tal-ħidma missjunarja tal-Kapuċċini Maltin fil-Kenja. Tħejjiet ukoll pubblikazzjoni mis-Segretarjat Missjoni Kapuċċini b'għadd ta' ritratti li jagħtu xhieda u jiddokumentaw ir-rakkont u l-ħidma missjunarja estiża tal-missjunarji flimkien mal-Isqof Mons. Pawlu Darmanin.

- L-ewwel grupp ta' Kapuċċini missjunarji Maltin li kien jikkonsisti minn Leone White, Francis Baldacchino, Joseph Mallia, Theodosiu Meli, Joseph Gauci u Vincent Buhagiar, telqu minn Malta f'Jannar 1974.
- Mons. Pawlu Darmanin irċieva l-Ordinazzjoni tal-ewwel Isqof ta' Garissa, il-Kenja, f'Ġunju 1984 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt minn l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca assistit mill-Isqfijiet Kapuċċini Ward u Terrenoni.

### GRATI

Grazzi mill-qalb b'ħafna verità lill-Mulej li fil-pjan ta' salvazzjoni għall-Kenja nkluda lill-Kapuċċini Maltin biex ikunu strument ta' fejda b'riżq dawk kollha li f'dan it-territorju Afrikan jibbenefikaw mill-ħidma missjunarja ta' mhux inqas minn erbgħin Kapuċċin Malti. Ma' dawn ninkludu wkoll lis-Sorijiet **"Ulied il-Qalb ta' Ġesù"** u lis-Sorijiet **"Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù"**. Strumentali kienu wkoll għadd ta' voluntiera lajċi Maltin flimkien mal-membri tal-MUSEUM u mhux inqas tal-għadd kbir ta' Maltin u Għawdxin, ammiraturi u benefatturi tal-Missjoni.

### SFIDA

Il-Missjoni ta' Garissa li hija fil-Grigal tal-Kenja u l-parti l-kbira tagħha kważi deżert, ħamsa u tletin sena ilu u anki aktar kienet meqjuża bħala territorju diffiċli minn kull aspett. Uħud minn dawn l-aspetti diffiċli kienu:

- Estensjoni enormi
- Żvilupp mill-inqas jew xejn
- Toroq fi stat primittiv jew xejn
- Komunikazzjoni ristretta għall-aħħar
- Rivalità frekwenti ta' gruppi etniċi...

Dawn l-aspetti u oħrajn kienu jagħmlu mill-erja ta' Garissa sfida li fuq livell uman iġiegħlek iżżomm lura. Il-Kapuċċini Maltin kienu mistiedna u mħeġġa bil-kbir biex affrontaw din l-isfida b'fidi u jaċċettaw li jkunu l-ewwel missjunarji Franġiskani Kapuċċini li jevanġelizzaw dan it-territorju bl-iebes u l-inċertezza li hemm. Dan kollu ġie msarraf bl-għajnuna t'Alla, bil-ħidma sfiqa u kuraġġuża tal-Kapuċċini, Sorijiet u Lajċi Maltini, lokali u oħrajn f'ġid li ma jitkejjilx għall-Kenjani bla ebda distinzjoni ta' reliġjon jew oriġini etnika. Dak li ma kienx joffri ħlief qtugħ ta' nifs, ħamsa u tletin sena wara nbidel fi Knisja, twaqqif tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin, żvilupp soċjali u ekonomiku. l-Evanġelizzazzjoni twettqet u tat il-frott.

**Ad Multos Annos.** •

# Abigajl

## (GĦAQLIJA, RŻINA U SABIĦA)

**L-ewwel ktieb ta' Samwel, kapitlu 25, jagħti deskrizzjoni mqita u preċiża tal-karttru ta' Abigajl, mart Nabal il-Karmeli. Flimkien ma' dawn iż-żewġ persunaġġi li jinsġu parti ġmielha mill-istorja ta' ħajjithom, jidħol ukoll is-sultan David, il-bniedem tant kontroversjali f'ħajtu. Nabal kisirha waħda sew ma' David, u minn din is-saħna gawdiet Abigajl għaliex imbagħad saret mart David stess.**



### MARA TA' DEHEN KBIR

Nabal, ir-raġel ta' Abigajl, kien għani ħafna. Kellu tlitt elef nagħġa u elf mogħża. Kien jgħix f'waħda mill-partijiet l-aktar għammiela u sbieħ tal-Galilija, il-Karmelu. Din il-medda kbira ta' art għadha sa llum tagħti ħafna wċuħ sbieħ u bnini. Fost il-pjanuri tant sbieħ u għammiela hemm dik ta' Esdralon. Imma miskin Nabal kien raġel goff u ħażin f'għamilu. Kumplimenti ma kienx jaf x'inhuma. U dan kien ħażin ħafna, għaliex mhux il-flus kollox fid-dinja.

Anki martu Abigajl kellha idea tassew ħażina dwar żewġha Nabal. Meta din Abigajl ġiet biex tiddeskrivi lil żewġha, għamlitlu l-agħar ċertifikat li qatt setgħet tagħmel. **"Dan raġel mill-agħar; ismu miegħu, Nabal, bla moħħ u bluha waħdu"** (1Sam 25:25). Kliem tassew iebes aktar u aktar meta qalitu l-mara tiegħu stess.



Żewġ karattri totalment differenti u jridu jgħixu flimkien taħt saqaf wieħed. Abigajl ta' mara bil-għaqal li kienet żgur li qalbha kienet tuġagħha ħafna meta kienet tara tant difetti kbar fil-karattru ta' żewġha. Karattru stramb, egoist u xħiħ. Donnu jeżisti hu biss fid-dinja. U ta' dan kollu Nabal ħallas u wieġeb bil-għoli.

### NABAL U DAVID

Hawnhekk issa jidħol David fl-istorja ta' dan ir-raħħal. Is-sultan flimkien ma' ħafna suldati oħra kienu fid-deżert. Wieħed immela jista' jaħseb ftit kemm kien hemm nuqqas ta' ikel u aktar u aktar nuqqas ta' ilma f'deżert niexef u maħruq bħal dak tal-Palestina. David sama' li Nabal kien qiegħed iġiżż in-nagħaġ tiegħu; dan ifisser li kien waqt ta' ikel u ikel bl-abbundanza għal Nabal u għal ġeżżieża tiegħu. Għaliex mill-ġeżżiet tas-suf, Nabal kien se jkollu dħul ta' flus qawwi. Hawnhekk is-sultan David ħataf



l-okkażjoni u bagħat għaxar żgħażagħ għand Nabal jitolbuh xi ftit ikel u xorb, ħalli jitrejqu bih. U biex żgur talbet David tiġi mismugħa minn Nabal, is-sultan fakkar lil Nabal kemm tah kenn u għajnuna meta r-ragħajja ta' Nabal kienu weħidhom fid-deżert mikxufin għal kull periklu ta' ħallelin.

Nabal ta' bniedem goff li kien patta l-ġid b'deni. Għalaq qalbu għat-talba tas-sultan, filwaqt li qal: **"Min hu David u min hu Ġessi? Ħafna huma l-qaddejja llum li ħarbu mingħand sidhom"**. Dawn 'l għaxar żgħażagħ irritornaw miksura u umiljati għall-mod kif Nabal weġibhom. Is-sultan David li mingħalih kien se jkollu risposta pożitiva xegħel bil-qilla, u demmu tela' għal rasu fil-waqt li qal: **"Qisni għalxejn għassist ma' kull ma kellu dan il-bniedem fid-deżert u ma naqaslu xejn minn ħwejġu, biex issa raddli l-ġid bid-deni. Dan u agħar jagħmilli Alla, jekk sa għada fil-għodu jibqa' raġel wieħed biss minn niesu"** (1Sam 25:12).

Id-deċiżjoni saret, is-sultan David iddikjara ġlieda qalila lil Nabal. U l-ħsieb sar realtà: Għaliex madwar erba' mitt ruħ armati telqu wara David.

## GĦAJNUNA F'WAQTHA

B'xorti tajba ħafna wieħed mill-qaddejja tas-sultan mar ħabbar kollox u bil-moħbi lil Abigajl dwar dak kollu li ġara bejn żewġha Nabal u s-sultan David. U hawn wieħed jara d-dehen li bih kienet imżejna Abigajl.

Mingħajr ma lissnet ebda kelma lil żewġha Nabal, **"Abigajl fittxet tieħu mitejn ħobża, u żewġt iżquq inbid, u ħames iħrief imsajrin, u ħames kejliet qamħ inkaljat, u mitt għanqud żbib, u mitejn ċappa tin imqadded; u għabbiet kollox fuq il-ħmir"**. Imbagħad qalet lill-qaddejja tagħha biex iġorru kollox u jmorru bihom qabilha għand David u s-suldati tiegħu hemm fid-deżert.

Abigajl telqet ukoll, u waqt li kienet nieżla riekba fuq il-ħmar, tfaċċa David u n-nies teigħu. Abigajl inxteħtet fl-art u talbitu jaħfer lil żewġha Nabal, kif ukoll talbitu jaċċetta l-ikel kollu li ġabet magħha.

Ma' dan Abigajl tablet 'l Alla **"jerfa l-ħajja ta' sidi fis-sorra tal-ħajja, u l-ħajja tal-egħdewwa tiegħek jarmiha bħallikieku ċagħka mill-keffa tal-iżbandola"**. Kliem li fih tassew x'wieħed itiegħem.

Għal dan il-kliem, ir-rabja tas-sultan ittaffiet ħafna anzi wieġeb hekk lil Abigajl: **"Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li bagħtek illum tiltaqa' miegħi. Imbierek il-għaqal tiegħek u mbierka int li ma ħallejtnix inxerred id-demm u nitħallas b'idejja"** (1Sam 25:26). U David ħa minn idejn Abigajl dak kollu li qarbitlu u kulħadd reġa' lura kuntent lejn daru.

## MEWT U ŻWIEĠ

Meta Abigajl waslet id-dar rat lil żewġha Nabal jagħti ikla mill-aqwa; naturalment huwa tlaħlaħ waħda sew bl-inbid, tant li kważi ntilef. Abigajl ta' mara għaqlija li kienet, lil żewġha ma tarrfitlu ebda kelma dwar dak li għaddiet minnu. Stenniet sa ma sebaħ l-għada.

Il-għada filgħodu, Abigajl għaffriftu lil Nabal kemm ġab ruħu ta' iblah meta dan wieġeb hekk lis-sultan David. U kompliet tgħidlu minn xiex ħelsitu. Nabal tant ħadha bi kbira din, li **"qalbu kesħet u sar qisu ġebla"**; jiġifieri tatu puplesija. Għaxart ijiem wara Nabal miet. David sama' xi ġralu Nabal u qal: **"Imbierek il-Mulej, li għamel ħaqq min Nabal talli għajjarni, u li żamm il-qaddej tiegħu milli jagħmel id-deni"**.

Is-sultan David ma waqafx hawn. Beda jaħseb f'Abigajl, għaliex kien ra fiha ċertu għaqal fond. David ditt ikkonkluda li din l-armla żagħżugħa tista' tkun ta' għajnuna kbira għalih, jekk jeħodha bħala martu. Abigajl kiennet mara ta' għerf u rieda sħiħa.

L-offerta taż-żwieġ li għamel David lil Abigajl ħassibha bil-kbir. Filli kellha raġel stupidu, goff fil-manjieri tiegħu u egoist għal aħħar, issa dejjem jekk trid hi se jkollha b'żewġha sultan. Il-kuntrasti bejn dawn iż-żewġt irġiel kienu tassew kbar.

Abigajl aċċettat din it-tieni offerta u saret mart is-sultan David. F'dan it-tieni żwieġ tagħha, Abigajl għarfet tgħix fidila lejn żewġha David. U hawn ukoll avolja saret mart is-sultan kompliet tħaddem bil-qawwa kollha l-għaqal li kienet imżejna bih. Il-għaqal ma jinxtarax bil-flus. •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

**Inti u taqra dejjem tiltaqa' ma' materjal u ma' espressjonijiet ġodda li jġagħluk tħaddem moħħok l-ewwel biex tifhimhom u mbagħad kif tadattahom għal din ir-rubrika, biex il-qarrejja jirriflettu u lanqas jaqgħu taħt id-dwiefer ta' min irid jaħkimhom taħt id-dejh u jwassalhom ħelu ħelu għall-izball.**

## CAFETERIA CATHOLICISM

Cafeteria kulħadd jaf xi tfisser: *a restaurant in which the customers serve themselves or are served at a counter and take the food to tables to eat.* Min jaf kemm-il darba dħalna f'cafeteria għażilna dak li ridna nieklu, jew ordnajnieh fuq il-counter u mbagħad morna fuq mejda u trejjaqna xi ftit, billi ħadna xi sandwich, bezzun, ħbejża, pasta, tè, cafè, jew cappuccino...

Il-kelma cafeteria daqqet lil xi wħud u qed jinqdew biha biex ifissruċertu tip ta' Kattoliċiżmu lipproprjament ma huwa hekk xejn. Iva, hawn bosta kattoliċi li saru



jagħżlu biss dak li jaqblilhom, dak li jdoqq għall-gosti tagħhom, dak li jissodisfa l-palat tagħhom

Il-Kattoliku veru huwa dak li ma jfittix dak li jaqbel lilu, imma dak li jaqbel lil Kristu, kif jgħidilna San Pawl. L-Evanġelju ta' Kristu huwa dak li hu għax jgħallimna ma nfittxux lilna nfusna. Jgħallimna mmorru kontra tagħna nfusna. Meta mmorru f'xi restaurant fil-mitjar, il-Belt, Mac Donald... biex nittrejjqu, biex nieklu xi snack, inkunu qegħdin nagħmlu xi ħaġa ndifferenti, la tajba u lanqas ħażina. Imma meta fil-ħajja kattolika tagħna nagħżlu dak li jaqblilna, inkunu qegħdin nagħmlu ħaġa li tagħmlilna ħafna ħsara.

Il-Kattoliku serju huwa dak li jħobb il-morr, dak li jisforza biex jidħol mill-bieb jew mit-triq id-dejqa fuq l-eżempju ta' Ġesù. Dan flok il-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies il-għajb tiegħu (Lhud 12:2).

> **Mulej, għinni ħalli fil-ħajja kattolika tiegħi nagħżel mhux dak li jaqbel lili, imma dak li tgħidli int li jbiegħidna mill-egoiżmu tiegħi u jkabbarni qatiegħ.**

## EFFETTI PSIKOLOĠIĊI NEGATTIVI TAD-DIVORZJU FUQ L-ULIED

F'dawn l-aħħar snin inkitbu ħafna kotba kontra d-divorzju. Ħafna awturi għamlu studji serji speċjalment fuq it-tfal ta' miżżewġin divorzjati u wrew b'mod ċar u konkret xi ħsara psikoloġika kbira issir fuq it-tfal meta l-ġenituri tagħhom jgħaddu għat-tieni żwieġ.

It-tfal ta' ġenituri divorzjati jħossuhom abbandunati u ttraduti, trawma li jibqgħu jħossu għal għomorhom kollu. Oħrajn tant jitfixklu li jiżvijaw fil-ħajja. Oħrajn isibu ruħhom f'qagħda li titfagħhom fuq it-triq tad-delinkwenza. Il-mawriet il-qorti biex jixhdu favur jew kontra l-ġenituri tagħhom tnissel fihom sens qawwi ta' ħtija avolja jkunu qalu l-verità. Barra minn hekk, jistgħu jibdew ibatu minn *psycho-social disorders* (suwiċidju, depressjoni, problemi ta' ikel, vandaliżmu, abbuż mid-droga u tal-alkoħol.

Tfal li jkunu taħt is-sittax-il sena jħallu l-iskola qabel il waqt, mingħajr kwalifiki, ikollhom

opportunità minima li jmorru għall-studji superjuri f'xi Università. Is-subien kellhom ċans iżgħar li jkollhom full-time job meta jilħqu t-23 sena. Ikollhom riskju li jiżżewġu jew imorru jgħixu ma' xi ħadd qabel ma jagħlqu 20 sena. Ikunu f'periklu li jġibu tfal fid-dinja qabel ma jagħlqu l-għoxrin sena.

Ċerti studjużi jitkellmu mbagħad mhux minn effett wieħed, imma minn għanqud ta' effettivi diżastrużi fuq it-tfal.

Meta jikbru, ikunu l-aktar nies li jbatu minn ansjetà u depressjoni. Ikollhom iżjed possibbiltà li jirrepetu l-istess żbalji li jkunu għamlu l ġenituri tagħhom fiż-żwieġ tagħhom. Huma jgħaġġlu jiżżewġu u jgħaġġlu jiddivorzjaw. Ma jkunux jafu x'jiġifieri stabbiltà fiż-żwieġ. Ikunu izjed inklinati għal taħwid sesswali.

Barra l-konsegwenzi li semmejt hemm oħrajn li minħabba raġunijiert ta' tul ħallejthom barra.

> **Mulej, agħtina ġenituri li jifhmu li l-aħjar edukazzjoni ta' wliedhom tiddependi mill-kwalità taż-żwieġ ta' ommijiethom u missirijiethom.**

## ERBA' MALTIN PRETENSIVI

Minn ftit zmien ilu 'lhawn nibet f'pajjiżna numru żgħir ta' Maltin li jippretenduha ta' nies radikali moderni. Dan l-aħħar bdew kampanja fil-gazzetti u fuq it-televixin biex idaħħlu d-divorzju għal issa, għax 'il quddiem jitħajru jistinkaw biex idaħħlu abbużi oħrajn li jmorru kontra l-etika u l-morali.

Min jaf xi jġiegħel li t-talin li qiegħed nitkellem minnhom ikunu daqshekk radikali u deċiżi tant li jridu jdaħħlu dak li kkaġuna tant u tant ħsara f'pajjiżi barranin? U għal liema raġuni jridu li bilfors ħaddieħor jaħseb bħalma jkunu qegħdin jaħsbu huma? Sew jagħmel is-Salmista jistaqsi: **"Min jista' jifhem moħħ u qalb il-bniedem?"** (S. 64:7). Bilfors ikun hemm xi ħaġa li ma tkunx qed taħdem sew jew fis-psyche tagħhom jew f'ruħhom, kieku ma jġibux ruħhom kif qegħdin iġibu. Persuni morda mentalment, spiritwalment u moralment tiskanta kemm jiġbdu nies li jgħidu li huma f'sensihom, warajhom.

Hawnhekk nagħmlu tajjeb niftakru – qegħdin fis-sena Pawlina – x'kiteb l-Appostlu tal-ġnus lill-Korintin, meta qalilhom: **"Ma tafux li ftit ħmira ttella' l-għaġna kollha?"** (1Kor 5:6). U Ġesù widdibna biex noqogħdu attenti mill-ħmira (mit-tagħlim) tal-Fariżej (Mt 16:11-12).

Lill-grupp radikali Malti hemm bżonn li nikxfulu għawaru, ħalli jneħħi l-arja li għandu u ma jibqax jagħmel il-ħsara kbira li qiegħed jagħmel. Il-bniedem tal-millennju l-ġdid biex ikun il-bniedem ta' llum, ma jfissirx li jrid jirreklama użanzi u drawwiet strambi u perikolużi mill-aspett morali, edukattiv u psikoloġiku. Lanqas ifisser li jekk ikun qarrej, semmiegħ jew telespettatur bilfors irid jibla l-imzazen ta' erba' minn nies li min jaf x'jaħsbu li huma.

> **Mulej, ħarisni int minn nies ta' dnewwa li ħsiebhom biss biex ifixkluni.**

## XANDARA VERI?

Min jifhem jgħidlek li fuq il-gazzetti, fuq ir-radjijiet u fuq it televixin hawn għadd żgħir ta' persuni li ftit ilu raqdu, qamu, u kiesaħ u biered saru xandara, anzi



saru panpaluni tax-xandir. Fettlilhom li jridu jxandru – forsi għax prużuntużi – u raw kif għamlu biex minn hawn u minn hemm isibu ruħhom fuq dak il-mezz tax-xandir jew fuq l-ieħor.

Il-ħelwa hi li min hu ppreparat biex ikun xandar joqgħod jaħsibha għandux jibda jagħmel hekk, u oħrajn li ma ħadu l-ebda preparazzjoni la akademika u lanqas teknika araħom jiddeffsu biex ikunu xandara u, b'mod jew ieħor, jirnexxilhom.

Biex tkun xandar irid ikollok ċerti kwalitajiet li mhux se ssibhom f'kulħadd. Il-vuċi trid taqilgħek, irid ikollok personalità, trid tkun taf l-arti tal-kelma, irid ikollok stoffa. Biex ixxandar ma jridx ikollok id-dehra attraenti biss. Dan mhux biżżejjed. Lanqas tista' ssir xandar għax inti sempliċement ċarlatan, kappaċi tibda titkellem u ma tiqafx. Biex ixxandar trid tkun imkisser sew. Illum ngħidu li trid tkun imħejji professjonalment inkella taqa' għar-ridikolu. Il-mezzi tax-xandir ma jifilħux amateurs. Qatt ma kien iż-żmien ta' dawn it-talin, iżjed u iżjed illum. •

> **Mulej, agħtina fuq ix-xandir persuni mhux żatat, imma msejħin tassew għal dak ix-xogħol.**



# ĦSIBIJIET FUQ SAN PAWL (5)

# "MA RRIDX LI MA TKUNUX TAFU, ĦUTI, DAN IL-MISTERU"

(Rm 11:25)



**Kurżità li tispikka fl-Ittri ta' San Pawl huwa l-mod ta' kif huwa juża l-kelma "Kristu" bħallikieku dan hu Isem propjru ta' xi ħadd. Bħala Lhudi, Pawlu kien jaf tajjeb li l-kelma "Kristu" ma kinetx isem propjru, u li din kienet it-traduzzjoni mill-Grieg (Christos) tal-kelma "Messija", li fil-Lhudi tfisser "il-Midluk." Dan it-terminu kien jintuża fil-kitbiet tal-Lhud u jirreferi għal xi ħadd magħżul minn Alla sabiex iwettaq xi missjoni mitluba minnu.**

Xi drabi għalhekk, il-kelma **"il-Midluk"** kienet tintuża għas-sultan ta' Iżrael (ara 1Sam 24:6; 2Sam 23:1; Salm 2:2). F'xi drabi ntużat ukoll f'kitbiet oħra barra mit-Testment il-Qadim biex tirreferi għas-sultan mistenni mil-linja Davidika. Ma kienx hemm qbil bejn il-Lhud dwar x'kellu jkun u min kellu jkun il-Messija. Ħaġa waħda kienet tidher ċara: li l-**"Messija"** kellu jiġi magħżul minn Alla sabiex iwettaq il-pjanijiet għall-poplu tiegħu.

Fl-Ittri ta' San Pawl naraw li l-mod kif dan l-Appostlu juża l-kelma **"Kristu"** juri li din il-kelma kisbet il-karattru ta' isem, u li għalhekk it-tifsira oriġinali tagħha bħala **"il Midluk"** kienet intilfet. Iżda l-fatt li dan l-Appostlu juża din il-kelma tant spiss juri li għalih it-twemmin li Ġesù hu l-Messija ta' Alla kienet xi ħaġa importanti. Bħala l-Messija, Ġesù kien il-mibgħut ta' Alla fuq din l-art, li ġie biex permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu li seħħew **"skont l-Iskrittura"**, huwa jwettaq il wegħdiet li Alla kien għamel mal poplu tiegħu fi żmien l-imgħoddi.

Hawn nistgħu nistaqsu 'l għala Pawlu, li qies lilu nnifsu magħżul sabiex jippriedka lill Pagani, insista daqshekk magħhom li huma

għandhom isiru jafu u jagħrfu lil Ġesù bħala **"il-Messija"**? F'kelma oħra, 'l għala l-Appostlu Missierna ma xandarx lil Ġesù bħala **"il-Mulej"** jew **"l-Iben ta' Alla"** - żewġ titli li huwa juża wkoll imma mhux daqskemm uża l-kelma **"Messija"** – li setgħu jagħmlu aktar sens mal-Pagani milli l-kelma **"Kristu"**?

Nistgħu naslu biex nibdew inwieġbu għal din il-mistoqsija jekk inżommu f'moħħna li Pawlu ried Juri li hemm kontinwità f'dak li Alla għamel fil-passat u li għadu jagħmel fil-preżent mal-maħbubin tiegħu. Dan ifisser ukoll li l-Evanġelju li xandar Pawlu ma kienx ġdid. Pawlu ma xandarx reliġjon ġdida kif forsi jaħsbu xi wħud. Dak Alla li kien sejjaħ lill-poplu ta' Iżrael sabiex ikun il-poplu l-maħbub tiegħu kien qed jaħdem b'dan l istess poplu sabiex iwettaq il-pjanijiet tiegħu. Għalhekk l-Appostlu Pawlu jagħraf lil Ġesù **"Il skont it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David"** (Rm 1:3) u li huwa l-Messija ta' Iżrael **"skont il ġisem"** (Rm 9:5), u għalhekk huwa r rappreżentant leġittimu tal-poplu tiegħu.

Iżda issa permezz tal-qawmien ta' Kristu d-definizzjoni ta' **"poplu ta' Alla"** kienet imbidlet. Permezz ta' din il-ġrajja ta' salvazzjoni, il-Lhud m'għadhomx aktar l-ulied veri jew uniċi ta' Abraham, il-Missier tagħhom **"skont il-ġisem"** (Rm 4:1). L-ulied veri issa huma dawk il-Lhud u l-Pagani li emmnu li Alla qajjem lil Ġesù mill-imwiet.

Fil-ħsieb ta' Pawlu, dan hu l-istess Alla li għadu jaħdem u li ma nesiex il-wegħdiet li kien għamel lill-poplu tiegħu. Għalhekk fil-bidu tal-Ittra lir-Rumani, l-Appostlu Missierna, jfakkarna li l-Evanġelju **"hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk li jemmnu, l-ewwel il-Lhud u mbagħad il-Pagani"** (Rm 1:16). Dan hu prinċipju fundamentali għaliex Alla l-ewwel wera lilu nnifsu lil-Lhud u wiegħed li jtemm il-wegħdiet tiegħu fid-dinja permezz tagħhom. Għalhekk aktar tard f'din l-akbar Ittra li kiteb San Pawl, huwa jxebbah lil Iżrael ma' siġra taż-żebbuġ li xi friegħi minnha tqaċċtu u li ġew imlaqqmin f'siġra taż-żebbuġ selvaġġa. Dan il-lingwaġġ simboliku jkompli jurina r-rwol ċentrali ta' Iżrael fil-pjan ta' Alla. Il-passat ma ġiex abbandunat, iżda fl-istess ħin issa kien ħa sfumatura oħra.

Huwa b'dan f'moħħna li nistgħu nkomplu nifhmu 'l għala Pawlu kważi dejjem jirreferi għal Ġesù bħala **"Kristu"** minflok bħala **"Ġesù"**. Dan kien mod li bih huwa seta Juri aspett Importanti tal-Identità ta' Ġesù. **It-titlu ta'** "Kristu" jfakkarna fil-kontinwità bejn il-passat u l-preżent, bejn dak li Alla wettaq fil-passat u dak li kien għadu qed jagħmel.

Fl istess ħin, Pawlu kellu wkoll bżonn ta' titli oħra sabiex jirreferi għal Ġesù, speċjalment f'kuntesti




pagani li fihom huwa kellu jħabbar lil Kristu. Mill-ġdid dawn it-titli Pawlu silithom mill-isfond Lhudi li fih kien trabba, imma li kellhom ukoll tifsira fid-dinja pagana. Fost dawn hemm it-titlu ta' **"Mulej"**.

Hekk, per eżempju, f'Rm 10:9 jgħid li **"Ġesù hu l-Mulej"** (ara wkoll 1Kor 12:3). Fid-dinja Lhudija, dan kien titlu mogħti lil xi ħadd li kien fl-awtorità, bħal ngħidu aħna is-Sultan (ara Salm 110:1), għalkemm dan it-titlu kien ukoll wieħed li jintuża b'sens ta' rispett lejn xi ħadd bħal fil-każ ta' Ġen 19:2. Fil-Grieg, il-kelma **"Mulej/Sidi"**, Kyrios, ġiet użata sabiex tittraduċi l-isem Lhudi ta' Alla, YAHWEH, li kien wisq qaddis biex jiġi ppronunzjat.

Għal Pawlu, it-titlu **"Mulej"** huwa wieħed li japplika għal dak li huwa taħt Alla, u li jistħoqqlu kull tifħir: Ġesù Kristu. Fil-fatt, il-proklamazzjoni ta' Ġesù bħala **"Mulej"** huwa mod li bih tingħata glorja u tifħir lil Alla (ara Fil 2:11) •








# MONUMENT GĦALL-PAPA ĠWANNI PAWLU II F'KUBA

Għalkemm ftit xhur tard però l-aħbar tal-Monument f'ġieħ il-Papa Ġwanni Pawlu II f'Kuba għadha mizmuma bħala mument storiku attwali u li diversi għadhom jitkellmu dwaru.



Li pajjiż dominat minn sistema komunista atea għal dawn l-aħħar 50 sena jiddeċiedi li jagħti l-permessi meħtieġa lill-Knisja Kattolika sabiex twaqqaf monument f'ġieħ il-Papa, li għaxar snin ilu kien żar din il-gżira, kien u jibqa fatt li ħafna għadhom ma jridux jemmnu u jibqgħu jistaqsu: Dan xi jfisser? F'Kuba qed isseħħ xi bidla radikali fejn tidħol politika u reliġjon?

Dan il-fatt li qed nitkellmu minnu jidħol fil-kuntest taċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-10 anniversarju miż-żjara storika (21 - 23 ta' Jannar 1998) tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Kuba. Bil-għan li l-Knisja Kattolika f'Kuba tiċċelebra dan l-anniversarju ppreżentat programm ta' attivitajiet mibni prinċipalment fuq tliet mumenti:

- iż-żjara tas-Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan, il-Kardenal Tarcisio Bertone, bħala rappreżentant tal-Papa Benedittu XVI;
- li l-Kardinal Bertone jżur l-istess bliet li kien żar il-Papa għaxar snin ilu;
- li jiġi jnawgurat monument li jfakkar kemm iż-żjara tal-Papa f'Kuba kif ukoll l-10 anniversarju ta' din iż-żjara storika.

Dawn it-tliet mumenti seħħew. Il-Kardinal Tarcisio Bertona wettaq iż żjara tiegħu f'Kuba bejn l-20 u s-27 ta' Frar 2008. Iż-żjara tiegħu bdiet minn La Habana fejn hemmhekk iċċelebra pontifikal flimkien mal-Kardinal Kuban l-Isqof Mons. Jaime Ortega u l-11 il-isqof Kubani. Din il-konċelebrazzjoni seħħet fil-pjazza tal-Katedral ġewwa La Habana fejn għaliha kien hemm preżenti l-President ġdid ta' Kuba, Raul Castro Ruz, ħu l-ex-President Fidel Castro Ruz. Il-President Raul kien għadu kemm ħa l-ħakma ħamest ijiem qabel. Il-Kardinal Tarcisio Bertone kellu laqgħa li damet madwar sagħtejn mal-President il-ġdid ta' Kuba, liema żjara għal Raul Castro kienet l-ewwel waħda bħalakap tal-gvern.

Minn La Habana l-Kardinal niżel Santa Clara. Din il-belt kienet l-ewwel provinċja li l-Papa kien żar fil-viżta li għamel lil dan il-pajjiż. Għalhekk kien jixraq li l-monument jiġi mwaqqaf hawnhekk. Santa Clara kienet ferm ippreparata għal din l-okkażjoni storika li għaliha tant tħossha kburija.

Aħna bħala kleru kellna biċċa xogħol kbira sabiex kollox ikun suċċess. Ma ridniex li dan il-mument ikun biss xi ħaġa trijunfalistika li tgħaddi u ma tħalli l-ebda effett spiritwali u pastorali. Bdejna minn xahrejn qabel inwasslu lin-nies id-diskorsi li



l-Papa Ġwanni Pawlu II ħallielna bħala wirt ta' tagħlim ta' dawl u tama. Matul ix-xaharejn ta' preparazzjoni ġew organizzati diversi attivitajiet pastorali f'kull parroċċa kif ukoll fuq livell djoċesan għall-kategoriji kollha tal poplu. Wasal il jum tas Sibt, 23 ta' Frar – il-jum taż-żjara tal-Kardinal fid-Djoċesi tagħna ta' Santa Clara, liema żjara hija marbuta ma' l-inawgurazzjoni tal-monument f'għieħ il-Papa Ġwanni Pawlu II. Għallna lkoll dan kien jum ta' ferħ, jum fejn il-fidi tagħna flimkien ma' l-għaqda mal-Papa ta' Ruma ssaħħew fil-qlub ta' kull min ipparteċipa bi spirtu tassew nisrani.

Il-Kardinal f'Santa Clara mexxa konċelebrazzjoni fejn minbarra l-Isqfijiet ta' Kuba kien hemm preżenti 110 saċerdot flimkien ma' rappreżentanti tal-gvern, u 'l fuq minn 25 elf ruħ. Hekk kif intemmet il-quddiesa ġie jnawgurat il-monument li jippreżenta l-figura tal-Papa Ġwanni Pawlu II fuq sfond ta' għolja fejn fuqha hemm imnaqqxa l-figura tal-Madona tal-Karità, Patruna ta' Kuba. L-istatwa li tippreżenta l-figura tal-persuna, daqs normali, tal-papa Ġwanni Pawlu II ġiet mogħtija bħala rigal lill-Poplu Kuban mill-Vatikan permezz tal Kardinal Tracisio Bertone.

Fit-tmiem taċ-ċelebrazzjonijiet il-Kardinal ta rigal prezzjuż ieħor, speċifikament lid-Djoċesi ta' Santa Clara. relikwa tal qaddisa patruna tad-djoċesi, Santa Clara t'Assisi Din ir-relikwa awtentika bid-dokumenti u s-siġill neċessarji, mogħtija mis-sorijiet Klarissi t'Assisi fuq talba diretta tas-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan, tikkonsisti f'biċċa mill-għadam tal-qaddisa.

Bħala poplu Kuban, wisq iżjed bħala poplu ta' Santa Clara lkoll f'dawn il-mumenti tajna radd ta' ħajr lil Alla kemm għaż-żjara li l-Papa kien wettaq ġewwa Kuba 10 snin ilu, kif ukoll għaż-żjara tal-Kardenal Bertone. Dawn huma żewġ mumenti li taw spinta sabiex il-poplu Kuban ikompli joħroġ mill-biża' li għal kważi 50 sena kien maħkum minnha sabiex jistqarr fil beraħ l identità tiegħu bħala poplu li jappartieni lill-Knisja Kattolika u li jemmen f'Alla.

Kienu żjarat li taw bixra ġdida lir-relazzjonijiet bejn il-Gvern Kuban u l-Knisja Kattolika. Permezz ta' dawn iż-żewġ żjarat, kemm tal-Papa f'Santa Clara bħala l-ewwel belt li kien żar, u issa tas-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan fejn inawgura l-monument, Santa Clara bdiet tissejjaħ bħala: IL-BELT TAL-PAPA.

Il-monument tal-Papa mill-ewwel beda jakkwista popolarità man-nies li joqogħdu fil-belt u anki barra mill-belt ta' Santa Clara. Mill-ewwel bdew jiġu organizzati pellegrinaġġi minn diversi parroċċi, gruppi ta' żgħażagħ bil-kitarri bdew jiltaqgħu taħt id-dell tal-Papa fir-roqgħa ċkejkna ta' ġonna li tagħmel parti mill-istess monument. Imma xiħaġa li ħadet spinta u li qed issir użanza hija li għarajjes miżżewġin friski hekk kif itemmu ċ-ċeremonja taż-żwieġ tagħhom (kemm jekk jiżżewwġu bil-Knisja jew le) imorru jħallu l-bukkett tal-għarusa f'riġlejn il Papa li ħabb u ddefenda l-valuri tal-familja •



# L-OLIMPJADI 2008

L-Olimpjadi ta' Beijing ġew u għaddew. Huwa kkalkulat li erba' biljuni ta' nies segwew dan il-logħob permezz tat-televiżjoni waqt li ħafna oħrajn, fostom ħabib tiegħi, kienu fortunati li jattendu fiżikament għal dan l-ispettaklu sportiv li jsir darba kull erba' snin. Iċ-Ċiniżi ma setgħux jagħmlu aktar milli għamlu fil-preparazzjoni għal dan il-logħob. L-organizzazzjoni u l-infrastruttura neċessarja kienu perfetti.

Għalija, barra li dan l-avveniment kien ta' divertiment sportiv, kien ukoll okkażjoni ta' riflessjonijiet spiritwali. Illum nixtieq naqsam dawn il-ħsibijiet li għaddew minn moħħi waqt li kont qed nara l-logħob Olimpiku fuq it-televiżjoni.

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ kienet kolossali u artistika. Il-mijiet ta' atleti minn 204 nazzjon ta' kulturi u reliġjonijiet differenti ngħaqdu flimkien fil-mixja nawgurali ġo l-istadjum ġgantesk, kollha b'għan wieħed - li jirbħu midalja Olimpika jekk mhux aktar minn waħda wkoll. Spikkaw ferm il-ferħ u l-ħbiberija fost l-atleti; il-Lhud ingħaqdu mal-Palestinjani, il-Ġorġjani ċċajtaw u daħqu mar-Russi kif għamlu l-istess l-Iranjani mal-Amerikani. F'kelma waħda kien hemm għaqda u paċi fost nies li huma għedewwa fil-politka. Mank li kieku l-gwerrer jiġu miġġielda biss fl-areni sportivi! Kieku ma jkunx hemm dak it-tixrid ta' demm u l-qtil ta' eluf ta' nies.

Matul il-logħob inkisru kwantità ta' rekords mondjali. Rajt lil Alex Shwazer emozzjonat wara r-rebħa tiegħu fil-mixja tal-ħamsin kilometru; kien hemm ir-Russa Yelena Isinbayeva li kisret ir-rekord tagħha stess fil-Pole Vault meta qabset 5.05 metri; l-atleta mill-Jamajka, Usain Bolt, ġera bħal żiffa riħ biex kiser ir-rekords fil-100 u l-200 metru f'ħinijiet eċċezzjonali (9.69 s fil-100 metru u 19.30 fil-200 metru). L-Amerikan Michael Phelps rebaħ tmin midalji tad-deheb f'Olimpjadi waħda u kiser ir-rekords fit-tmin 'events' li ħa sehem fihom. Ma nistgħax insemmi r-rekords miksura kollha għax nieħu wisq spazju. Dawn is-suċċessi kollha kienu l-frott ta' dedikazzjoni shiħa u kontinwa u ta' sagrifiċċi kbar mill-atleti li xerrdu ħafna għaraq fil-preparazzjoni tagħhom. U aħna?

- Aħna nsibuha bi tqila biex ngħidu ħames posti rużarju,
- biex inqumu mis-sodda,
- biex nisimgħu quddiesa,
- biex nagħmlu siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat,
- biex naqdu lil xi ħadd fil-bżonn,
- biex ngħidu xi kelma ta' ġid fost ħbiebna.

B'hekk biss nistgħu nagħmlu suċċess fil-ħajja spiritwali tagħna.

Ħsieb ieħor li għadda minn moħħi kien waqt li kont qed insegwi l-avveniment tal- 'Mountain Bike'. Dan l-isport hu modern u ċ-Ċiniżi bnew korsa twila mimlija ostakoli, tlugħ u nżul; biċċa żgħira ħafna biss kienet bit tarmak. Dawn l-ostakoli kollha ġew magħmula apposta f'bosk mimli ħdura, b'siġar għoljin makullimkien. Rajt l-atleti jsuqu r-rota tagħhom f'dak l-ambjent ħadrani u b'kapaċità kbira jirbħu fuq dawk l-ostakoli kollha.

Fil-mixja tagħna lejn l-eternità, f'dinja sabiħa li tana Alla, niltaqgħu ma' ħafna ostakoli u jridu jkunu d-determinazzjoni u l-perseveranza tagħna fit-tagħlim ta' Kristu biex naslu sal-final b'suċċess.

# IL-BIDU U L-IŻVILUPP
## TAD-DJOĊESI TA' GARISSA (I)

minn P. Silvestru Bonavia OFMKap





Din hija silta mqassra ħafna minn kitba li se tidher aktar fit-tul fil-ktieb ***Garissa – Visions Realised*** li s-Segretarjat Missjoni Kapuċċini se jippubblika lejn nofs din is-sena fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda tal-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof Mons. Pawlu Darmanin u eg]luq il-Ħamsa u Tletin sena tal Kapuċċini missjunarji fil Kenja




**Il-ħidma ta' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini fil-Missjoni ta' Garissa fil-Kenja kienet il-frott ta' fidi kbira, ta' kuraġġ u ta' ħidma għalenija min-naħa ta' kull min ta sehemu. Fuq kollox kienet il-barka t'Alla li mexxiet l-pjan kollu għall-akbar ġid tal-poplu tiegħu f'dik il-parti kbira ħafna ta' dak il-pajjiż fl-Afrika tal-Lvant.**

Mill-bidu tas-sena 1974 sa llum, medda ta' 35 sena, madwar 40 Aħwa mill-Provinċja marru hemm jagħtu sehemhom u wħud għadhom hemm sa llum. Oħrajn taw ftit jew mhux daqshekk ftit minn ħajjithom. Magħhom ingħaqdu għadd ta' saċerdoti, reliġjużi, sorijiet minn diversi nazzjonijiet; lajċi wkoll, fosthom membri tal-MUSEUM, ħadmu hemmhekk. Fl-ewwel għaxar snin, il-missjunarji kienu mmexxijin minn Mons. Leone White OFMKap, Delegat tal-Provinċjal (1974-76) u wara Prefett Apostoliku (1976-1984). F'dawn l-aħħar 25 sena, ir-responsabbiltà kienet waqgħet fuq l-Isqof Pawlu Darmanin OFMKap, l ewwel Isqof ta' Garissa. Din il-ħidma kollha bniet id-djoċesi ta' Garissa li fis-sena 2000 inqatgħet parti minnha biex twieldet id-djoċesi gdida ta' Malindi bl-isqof tagħha Huna Mons. Francis Baldacchino OFMKap. Aktar minnhekk kienet ħidma li żergħet, xettlet u kabbret il-preżenza tal-Aħwa Kapuċċini Kenjani l-ewwel f'Kustodja, imbagħad fil Viċi Provinċja tal Ordni Kapuċċin fil-Kenja.

Ikollna ntennu dak li qal fl-1976, bi kliem profetiku, Patri Walbert Bühlmann OFMKap, studjuż kbir tal-ħsieb u t-teoloġija missjunarja tal-Knisja u awtur ta' aktar minn 25 ktieb: F'Garissa, il-Kapuċċini Maltin qegħdin jagħmlu d-deżert jiffjorixxi. U meta f'Novembru 2005 kont intervistajtu fl-Isvizzera, pajjiżu qalli: Il-Mulej għandu ħafna aktar pjanijiet li għad irid iwettaq bl-Ordni Kapuċċin fil-Kenja u b'mod specjali bid-Djoċesi ta' Garissa.

Din is-sena l-Provinċja ta' Malta qed tfakkar b'radd il-ħajr 'l Alla dawn l-avvenimenti kollha. Imma l-aktar irridu nfakkru l-Ġublew tal-Fidda tad-Djoċesi ta' Garissa u l-Ordinazzjoni bħala Isqof ta' Mons. Pawlu Darmanin li kienet saret fit-3 ta' Ġunju 1984.

Il-Missjoni ta' Garissa kienet mifruxa fuq medda kbira ħafna ta' art fid-daqs kważi tnejn minn kull tliet partijiet tal-Italja. Territorju nofsu deżert veru niexef, toroq ma jeżistux, distanzi enormi, il-possibbiltà ta' ħidma missjunarja "tradizzjonali" ftit li xejn almenu f'nofs dik l-art kollha, biex wieħed ma jsemmix in-nuqqas ta' sigurtà u stabbiltà! Din kienet l-isfida u l-opportunità, li kellhom quddiemhom il-Kapuċċini Maltin f'dawk is-snin bejn l-1972 u l-1976. Imma taħt it-tmexxija tal-Provinċjali Patri Franġisku Azzopardi (1968-1974) u warajh Patri Pawlu Darmanin (1974-1980), din l-isfida ġiet milqugħa, tkompliet u tat frott kotran. U l-Aħwa Kapuċċini spiraw għadd mhux żgħir ta' missjunarji oħrajn, saċerdoti, reliġjużi u numru kbir ta' lajċi. Ta' min jiftakar li f'nofs is-snin tmenin, l-idea li lajċi minn Malta u Għawdex imorru missjunarji għal żmien twil kienet biss ħolma!

Bis-saħħa tal-Missjoni ta' Garissa u l-Prof. John Rizzo Naudi li mar hemm hu stess aktar minn darba għal diversi ġimgħat, ġiet imwaqqfa l-Għaqda Missjunarji Lajċi fi ħdan l-Opri Missjunarji Pontificji ta' Malta. Illum bosta għaqdiet u Reliġjużi oħrajn spiraw ħafna lajci qribhom biex imorru f'Missjonijiet immexxijin minn Ordnijiet jew Kongregazzjonijiet Maltin f'diversi nħawi tad-dinja.





Id-determinazzjoni qawwija ta' Mons. Leone flimkien mar-rieda soda tal-ewwel grupp: l-Aħwa Francis Baldacchino, Joe Mallia, Joe Gauci, Teodosju Meli u Vincent Buhagiar, mexxew 'il quddiem dik il-Missjoni. L-Isqof Pawlu, imbagħad f'dawn l-aħħar 25 sena għaqqad il-forzi kollha u mexxa dik li kienet waħda mill-akbar djoċesijiet tad-dinja kattolika u wassalha għal żvilupp u organizzazzjoni li hija kienet teħtieġ.

## VIŻJONI U KURAĠĠ

Imma waqt li qed infakkru din il-ħidma kollha ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-ħidma kbira li wettqu f'dik iż-żona l-missjunarji tal-Consolata, imwaqqfin mill-Beatu Ġużeppi Allamano, f'Torin, l-Italja, ftit aktar minn 100 sena ilu. Dawn kienu l-ewwel missjunarji li sa mis-snin sittin ħadmu ħafna u bla heda n-naħa tat-Tramuntana (Garissa, Wajir u Mandera). Il-moħħ u l-qalb wara din il-ħidma kien l-Isqof Lawrence Bessone (1904-1976), missjunarju hu nnifsu tal-istess Kongregazzjoni u Patri John Bonzanino (1927-1983) li kien il-pijunier f'dik l-avventura divina sa mis-sena 1968. Fl-istess waqt, il-ħidma ta' Evanġelizzazzjoni fin-naħa ta' isfel l-aktar lejn Wema, Garsen u Hola (għax kemm Mpeketoni kif ukoll Bura kienu għadhom anqas bdew jiġu żviluppati) kienet immexxija mill-patrijiet Irlandiżi, missjunarji tal-Kongregazzjoni tal-Ispirtu s-Santu. Dawn aktar minn għaxar snin qabel mal-Consolata ħasbu f'Garissa kienu bdew ħidmithom hemmhekk. Huma kienu jitilgħu minn Mombasa fejn kien hemm Isqof Mons. Ewġenju Butler, missjunarju tal-istess Kongregazzjoni. Dawk is-snin kienu ferm diffiċli, l-aktar politikament minħabba l-ġlieda għall-Indipendenza tal-Kenja li seħħet fl-1963. Ta' min iżomm quddiem għajnejh li d-Djoċesi kollha ta' Garissa hija qrib ħafna partijiet mill-fruntieri tal-Etjopja u s-Sudan, imma l-aktar tas-Somalja fejn il-ġlied kien qawwi ħafna u bla heda ta' xejn.

L-Isqfijiet imsemmija Mons. Butler u Mons. Bessone, missjunarji b'esperjenza mhux komuni u b'viżjoni kbira 'l quddiem, b'ħidma flimkien ma' għadd ta' patrijiet mill-Kongregazzjonijiet missjunarji tagħhom, kienu determinati li jiżirgħu l-Kelma t'Alla u jxandru 'l Kristu b'kull mod adattat f'dawk iċ-ċirkustanzi. Dawk kollha li marru Garissa, bħal oħrajn li marru bnadi oħra, ilkoll taw kontribut siewi biex b'ħajjithom u b'ħidmithom ta' karità ta' kull sura wrew xi jfisser tassew l-Evanġelju ta' Kristu u l-Bxara t-Tajba minnu mxandra. Dan kien sinjal konkret tal-imħabba bla qies ta' Alla permezz

tal-messaġġieri minnu mibgħuta hemmhekk. U mbagħad, meta wasal il-waqt ukoll, l-istess missjunarji Kapuċċini Maltin bdew ixettlu l-Ordni Franġiskan Kapuċċin fost il-poplu Kenjan u konna tassew hienja naraw li San Franġisk beda jkollu għall-ewwel darba żgħażagħ Kenjani mimlijin entużjażmu li riedu jħaddnu l-ideal tal-Fqajjar ta' Assisi. Hekk il-karizma Franġiskan bdiet tagħmel parti sħiħa mill-Knisja Lokali tal-Kenja għax qabel dan qatt ma kien seħħ.

## IL-PROFEZIJA TAL-PAPA PAWLU VI

Fl-ewwel għaxar snin tiegħu bħala Isqof ta' Meru, Mons. Bessone kien jħewden lejl u nhar kif seta' jipprova jwettaq dak li kien joħlom u li kien jagħfas fuq spallejh: li jkabbar il-ħidma ta' Evanġelizzazzjoni lejn it-Tramuntana u l-Grigal tal-Kenja. Din tal-aħħar kienet tiġbor fiha Provinċja sħiħa li kienet kważi terz mill-pajjiż kollu! Fis-7 ta' Jannar 1966 huwa kien imissu jmur Ruma għaż-żjara kull tant snin lill-Q.T. il-Papa. Huwa tkellem mal-Papa Pawlu VI dwar it-tħassib kbir tiegħu sabiex iwassal l-Evanġelju f'dawk l-inħawi mbegħeda fuq il-fruntiera tal-Kenja l-aktar minħabba l-qagħdiet politiċi, reliġjużi u soċjali ta' hemmhekk. Il-Papa li kien mgħarraf sewwa bil-qagħda fl-Afrika u li kellu ħafna għal qalbu l-Evanġelizzazzjoni l-aktar permezz tad-djalogu u l-opri konkreti ta' karità nisranija (ara Enċiklika Ecclesiam suam li xandar fl-1964), qallu: ***"Mur; iftaħ almenu Ċentru wieħed jew tnejn biex minnhom tkun tista' tagħti għall-inqas tazza ilma lil min ikun għaddej".***



Dawk il-kelmiet tal-Papa ħallew marka profonda fuq l-Isqof Bessone. Fil-fatt niżżilhom f'dokument li huwa kiteb lill-Kongregazzjoni ta' l-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus bid-data 12 ta' Mejju 1968. Għax għall-Isqof dawk il-kelmiet tal-Papa ma kienux sempliċi tħeġġiġa, imma "kmand" u għalhekk malli semagħhom beda jaħdem biex iwettaqhom

Fl-1964 l-Isqof Bessone kien ġa bagħat lil Patri Luigi Locati, wieħed mill-missjunarji li kellu jaħdmu miegħu, ġewwa Isiolo, belt imdaqqsa madwar 50 km bogħod minn Meru. Hekk bil-mod il-mod beda jersaq lejn Garissa li kienet aktar minn 150 km oħra 'l bogħod. Wara kuntatti u diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-gvern kemm f'Nairobi kif ukoll f'Garissa, l-Isqof Bessone rnexxielu jakkwista skola nofsha mwaqqa u xi kmamar oħra madwar. Wara li rranġawhom, dawn saru ċ-Ċentru tal-Boys Town li wkoll wara kien il-post minn fejn kienet issir l-attività kollha missjunarja f'Garissa u li baqgħet hekk għal aktar minn 35 sena, sa ftit ilu. Fil-11 t'Ottubru 1968, Patri John Bonzanino, missjunarju ieħor kbir tal-Consolata mill-Italja, li kien id il-leminija tal-Isqof ta' Meru, mar Garissa u hekk ingħata bidu formali għal dik li kella tkun il-Missjoni ta' Garissa, iċ-Ċentru tal-attivitajiet kollha tal-Aħwa Franġiskani Kapuċċini għal bosta snin, il-benniena tal-Ordni fil-Kenja, u wara saret ukoll is-sede tal-Isqof ta' Garissa, Mons. Pawlu Darmanin.

Ma' Patri Bonzanino wara żdiedu xi missjunarji oħra tal-Consolata u hekk żdiedu wkoll diversi ħidmiet favur in-nies tal-post u l-ftit insara li kien hemm. Patri Salvatore Baldazzi tal-Consolata, waqqaf il-Girls' Town f'Wajir, 400 km aktar lejn it-Tramuntana ta' Garissa, u aktar tard Patri Bonzanino nnifsu fetaħ l-istazzjon ta' Mandera, 400 km dejjem aktar 'il fuq. Bejn Wajir u Mandera nfetaħ l-istazzjon ta' El Wak u dawn l-aħħar tnejn kienu mmexxijin mill-missjunarji kontemplattivi mill-Italja tal-Beatu Charles de Foucauld. Dawn kienu jaħdmu b'ħafna sempliċità u xhieda qawwija mal-fqar tal-post. Dan l-aħħar kienu ħafna fl-aħbarijiet tad-dinja għax tnejn minn dawn is-sorijiet, Sr Caterina u Sr Teresa li kienu fost dawk il-pijunieri, ġew maħtufin minn xi ribelli Somali. Meta, imbagħad, l-Aħwa Kapuċċini Maltin waslu Garissa fil-bidu tal-1974, ġarrew magħhom aktar minn 300 sena ta' esperjenza ta' ħidma missjunarja f'diversi pajjiżi tal-Mediterran, fl-Afrika ta' Fuq, fil-Kongo, fl-Amerka Latina, fl-Awstralja u fl-Indja, fl-Etjopja u bnadi oħra. Huma kienu lesti jingħataw bil-forzi kollha tagħhom biex iwaqqfu s-Saltna t'Alla f'din il-Missjoni ġdida u jużaw l-esperjenza u l-kuraġġ kollu li wirtu minn tant Kapuċċini li wettqu ħidma bħal din qabilhom.

L-istorja ta' l-iżvilupp fin-naħa t'isfel tad-Djoċesi, f'Wema u Hola, għalkemm kienet tixbaħha f'diversi aspetti, imma kienet ukoll differenti. Dawn huma l-eqdem żewġ parroċċi fid-djoċesi ta' Garissa għax il-ħidma ta' Evanġelizzazzjoni bdiet f'nofs is-snin ħamsin, jekk mhux qabel ukoll, minn xi patrijiet Ħlandiżi tal-Ispirtu s-Santu li kienu qed jaħdmu Mombasa, il-port l-aktar importanti tal-Kenja.



Ismijiet ta' Fr Ned Ryan, Fr Gerry Whelan u Fr Larry Nugent huma fost l-ewlenin imniżżlin fir-reġistri tal-Magħmudija ta' dak iż-żmien. In-nies f'dawk l-inħawi kienu ta' oriġini differenti minn dawk f'Garissa, Wajir u Mandera; kif ukoll differenti kienu l-kundizzjonijiet klimatiċi ta' sħana, xita u ambjent. Aktar ma għaddew is-snin, aktar irħula żviluppaw madwar jew qrib, jew mhux tant qrib, Wema u Hola. Il-missjunarji bil-mod il-mod, anki jekk mhux spiss, imma almenu b'mod regolari, kienu jmorru jżuruhom u jgħinuhom b'kull mezz li kellhom. Għal dan il-għan twaqqfu għadd ta' kliniċi żgħar jew ikbar u Ċentri ta' tagħlim u għadd ta' katekisti min-nies lokali kienu jgħinu b'kull mod fit-tagħlim tal-katekiżmu.

Meta l-Missjunarji Kapuċċini Maltin waslu hemm huma komplew u żviluppaw dak li sabu, fetħu għadd akbar ta' stazzjonijiet b'mod li l-komunitajiet insara ssaħħu sewwa. Aktar 'l isfel minn Wema u Garsen, Patri Francis Baldacchino, illum Isqof ta' Malindi, meta wasal hemm fi Frar 1974 mill-ewwel kompla jieħu ħsieb il-komunità nisranija fil-gżira ewlenija ta' Lamu u mbagħad beda ħidmietu fi Mpeketoni li sa dakinhar kien għadu foresta.

Bis-saħħa tal-gvern ta' Nairobi, dan il-post beda jiġi żviluppat, bdew ġejjin għadd kbir ta' mmigranti minn inħawi oħra tal-Kenja ewlenin fosthom in-nies ħawtiela Kikuyu.

Hawnhekk ukoll il-klima kienet aktar favorevoli b'iktar xita. Meta aktar missjunarji Maltin, saċerdoti, reliġjużi u lajċi waslu hemm l-iżvilupp kiber ħafna. Għenu bosta s Sorijiet Ulied il Qalb ta' Ġesù, Maltin u Indjani, u l-membri tas-Soċjeta' tal-MUSEUM. In-nies lokali taw sehemhom kbir ħafna wkoll tant li dik iż-żona fi ftit snin ukoll saret bejta ta' attività nisranija kbira u fis-sena 2000 ġiet iddikjarata djoċesi flimkien ma' Malindi bl-Isqof tagħha Mons Francis Baldacchino.

## SFIDA QADDISA

Iżda meta l-missjunarji Kapuċċini Maltin waslu Garissa fl-1974 mhux kollox kien ward u żagħar. Mln-naħa l-waħda, kemm il-Kongregazzjoni tal-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus kif ukoll il-Pro-Nunzju Apostoliku fil Kenja u l Isqof ta' Meru u xejn anqas il-Kurja Ġenerali OFMKap f'Ruma kienu qed jinsistu b'ċerta qawwa li l-Missjoni ssir immedjatament Prefettura Apostolika. Imma min-naħa l-oħra, hawn Malta kien jidher li l-missjunarji f'Garissa kien jeħtieġilhom aktar żmien biex jadattaw ruħhom għall post, klima, ambjent u l kobor immens

tat-territorju bil-wisq differenti minn dawk ta' missjonijiet oħra. Din il-verità kienet ġiet imtennija b'qawwa kbira bosta drabi minn kull min kien imdaħħal fiha kemm f'Ruma kif ukoll f'Nairobi. Il-Provinċjal Patri Ewsebju Darmanin, l-aktar fl-ewwel sentejn tat-tmexxija tiegħu ħadem bla heda dwar dan. F'Novembru 1974 mar għamel viżta fraterna ta' xahrejn fil-Missjoni u lill-missjunarji kollha li magħhom qatta' dejjem madwar ġimgħa u aktar. Tkellem personalment mal-awtoritajiet li kienu mdaħħlin kemm meta kien Nairobi kif ukoll fiż-żjarat spissi li għamel f'Ruma. Huwa fissrilhom tajjeb il-qagħda li kienu qed jgħixu u jaħdmu l-missjunarji. Bil-mod il-mod, din ħidmitu u l-ittri ċirkulari li kiteb nisslu fiduċja għolja fil-Provinċja u fost l-Aħwa kollha b'mod speċjali tal-missjunarji nfushom u ta' dawk li kienu wrew ħsieb jew xewqa li jmorru Garissa.

Wara ħafna laqgħat anki f'Malta, fil-Provinċja deher li kien hemm qbil li ż-żmien jitwal qabel il-Missjoni tiġi dikjarata Prefettura. Fil-fatt fi Frar 1975 il-Provinċjal talab lill-Ġenerał tal-Ordni li l-Provinċja tiedet tkompli taħdem fil-Missjoni ta' Garissa; imma minħabba r-raġunijiet imsemmija, xtaqet li jingħata aktar żmien qabel mal-Missjoni tiġi dikjarata Prefettura Apostolika.



Il-Ġenerał, li qabel max-xewqa tal-Provinċja, kien mitlub jgħarraf b'dan lill-Awtoritajiet tal-Vatikan.

Ftit wara din l-ittra, jiġifieri f'Mejju 1975, missjunarji oħrajn ingħaqdu mal-erba' li kien hemm għax tnejn mill-ewwel grupp kellhom jiġu lura minħabba l-malarja qawwija li rikbu. L-ewwel fost dawk li marru kien Patri Joe Galea li għadu hemm sa llum. Wara ftit ingħaqad ukoll mal-grupp fil-Kenja Patri Taddew Schembri li kien fl-Etjopja. Imbagħad warajhom marru Patri Charles Vella u Patri Rafel Flask f'Settembru f'Novembru 1976.



Hekk issa l-missjunarji f'Garissa kienu tmienja. Patri Leone li kien id-Delegat tal-Provinċjal, kien jara, barra affarijiet oħra, li huma kienu jiltaqgħu anki jekk mhux ħafna spiss, imma għall-inqas b'mod regolari. Kien hemm prospetti tajbin li l-ħajja ta' fraternità titjieb. Kemm fost il-missjunarji kif ukoll fost l-Aħwa fil-Provinċja kienet tinħass aktar fiduċja, serenità u ottimiżmu. Dan kollu kien ikkonfermat biż-żjara fil-Provinċja li għamel għal ftit jiem il-Ministru Ġeneral, Patri Paschal Rywalski, bejn Marzu u April tal-1976.

## PREFETTURA APOSTOLIKA

Mimlijin b'dan l-inkuraġġiment, il-missjunarji komplew jingħataw bil-ferħ kollu għall-ġid tan-nies li bdew jgħixu magħhom fid-diversi stazzjonijiet f'Garissa billi jxerrdu b'kull mod l-imħabba konkreta tal-Evanġelju li kienet it-triq waħdanija għall-veru żvilupp f'dawk l-inħawi wkoll. Għalhekk nhar id-9 ta' Diċembru 1976, il-Q.T. il-Papa Pawlu VI approva d-Digriet tat-twaqqif tal-Prefettura l-ġdida u tal-ħatra ta' Patri Leone White OFMKap bħala l-ewwel Prefett Apostoliku ta' Garissa. It-tħabbira uffiċjali ġiet imxandra mill-Vatikan fid-19 ta' l-istess xahar.

Il-fatt li issa Garissa ġiet imwaqqfa bħala Prefettura Apostolika ma kienx xi moment ta' wasla, imma kien aktar wieħed ta' tluq ġdid lejn dawk it-toroq li kienu ppjanati mill-Provvidenza. Id-determinazzjoni u l-karattru qawwijin tal-Prefett Apostoliku flimkien mal-kuraġġ sod tal-missjunarji kollha kienu l-akbar investimenti għal ġejjieni sabiħ u żvilupp mistenni f'dak il-qasam tal-Knisja u tal-pajjiż. U dan kien ifisser ukoll ħafna għall-oqsma soċjali, dawk tal-edukazzjoni, saħħa u ta' karità konkreta l-aktar f'dak li kien jiddependi mill-Knisja. Mons. Leo kompla fuq dak li kien hemm f'Garissa meta huwa wasal hemm tliet snin qabel.

U s-snin kollha ta' wara kienu xhieda li titkellem weħidha ta' dan. Huwa flimkien mal-missjunarji kollha u bil-għajnuniet kbar u żgħar ta' bosta ħbieb u benefatturi Maltin, Għawdxin u barranin, setgħu juru l-Evanġelju fil-prattika kif għallimna Sidna Ġesù Kristu nnifsu (ara Mt 25:31-46, Lk



4:16-22). Imma fuq kollox il-missjunarji mmexxijin minn Mons. Leo wrew b'mod konkret ħafna dak li kien "ħabbar" il-Papa Pawlu VI lill-Isqof Bessone kważi għaxar snin qabel: ***"Mur u agħti mqar tazza ilma lil min ikun għaddej".*** Ħadd ma kien jistenna li dan ikun xi ħaġa ħafifa. Mons. Leo u l-missjunarji kollha kienu jafuh dan. Fil-fatt huma kellhom iħabbtu wiċċhom ma' kull xorta ta' diffikultajiet, vjaġġi twal u mimlijin perikli ta' bosta xorta, klima tqila ħafna, nuqqas kbir fit-tul ta' xita li ġġib magħha ġuħ b'konsegwenzi ta' mard u epidemji. Imma l-messaġġiera ta' Alla kienu dejjem fuq quddiemnett biex itaffu dawn id-diffikultajiet b'vantaġġi kbar għan-nies tal-post ta' kull twemmin u nazzjonalità l-aktar meta l-Missjoni kienet litteralment invaduta mill-eluf kbar ta' refuġjati mill-pajjiżi ġirien.

Il-Prefett Apostoliku kompla saħħaħ il-kuntatti mal-Konferenza Episkopali tal-Kenja li issa kien sar membru fiha. Issaħħet u kibret il-għajnuna ma' bosta Aġenziji Internazzjonali kemm dawk kattoliċi kif ukoll oħrajn. Saru bosta proġetti ġodda; il-formazzjoni kemm bl-edukazzjoni skolastika kif ukoll, u fuq kollox, dik nisranija kienet ewlenija fil-ħsieb tal-Prefett u tal-missjunarji kollha kullimkien.



Importanza kbira ngħatat lill-formazzjoni ta' mexxejja fil-komunità, l-aktar katekisti biex dawk l-insara li kien hemm jissaħħu u jkomplu jiżdiedu wkoll.

Sadanit-tant missjunarji oħra talbu li jmorru jaħdmu fil-Prefettura ta' Garissa. L-ewlenin fosthom kienu Patri Pelagju Bilocca u Patri Spiru Galea li t-tnejn kienu għadhom superjuri fil-kunventi tal-Floriana u f'dak tal-Kalkara. Fil-fatt huma marru l-Kenja f'April 1977. Diversi Kongregazzjonijiet ta' sorijiet u patrijiet u s-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. bagħtu membri tagħhom jaħdmu hemmhekk; il-vokazzjonijiet lokali bdew jiżdiedu u twaqqfet il-Vici Provinċja tal-Kapuċċini fil-Kenja, il-Prefettura mbagħad saret Djoċesi, id-Djoċesi ta' Garissa nqasmet ukoll u twieldet dik ta' Malindi bl-Isqof tagħha Mons. Francis Baldacchino.

Imma dwar dan kollu u aktar fil-ħarġiet li jmiss. •







# IR-RWOL TAL-PEDJATRA FIL-KURA TA' WLIEDNA



Il-pedjatra huwa t-tabib professjonista li jispeċjalizza fil-kura tat-tfal minn twelidhom sa' ma jagħalqu l-erbatax-il sena. Ix-xogħol tal-pedjatra huwa dak li jinvolvi l-kura tal-mard tat-tfal u l-prevenzjoni ta' dan il-mard. Il-prevenzjoni tal-mard hija bbażata fuq sistema ta' tilqim li jingħata lit-tfal fuq medda ta' żmien minn xahrejn 'il fuq sa madwar sittax-il sena.

Parti importanti fil-qasam tax-xogħol tal-pedjatra hija dik li bl-Ingliż insejħulha ***"screening"***. Dan jinvolvi serje ta' testijiet kemm kliniċi kif ukoll fil-laboratorji li jsiru f'perjodi regolari fil-ħajja tat-tfal li jkunu jidhru apparentament normali. Fejn tinstab xi rregolarità fis-saħħa jew fl-iżvilupp tal-pazjent konċernat li jkun qiegħed jagħmel dawn it-testijiet ta' screening, il-pazjent jiġi rriferut għall-***"assessment"***. Dan l-assessment jinvolvi serje ta' testijiet aktar dettaljati u profondi u xi drabi anki jiġi nvolut tim multi dixxiplinarju biex tiġi eżaminata u kkurata, jew aħjar ikkontrollata l-marda li tkun inqabdet mit-testijiet ta' rutina permezz ta' l-iscreening.

Ir-rwol tal-pedjatra fil-kura tat-tfal jibda mat-twelid tat-tarbija. Waqt it-twelid il-pedjatra jistenna t-tarbija biex jeżaminha hekk kif titwieled. Hawnhekk il-pedjatra, jeżamina t-tarbija minn fuq s'isfel biex jeskludi xi difetti fiżiċi li jkunu jidhru dak il-ħin. F'każi li t-tarbija tiżviluppa xi komplikazzjonijiet waqt it-twelid, il-pedjatra jrid jorganizza sistema ta' risussitazzjoni, fejn flimkien man-nurse tas-sala tal-kura intensiva tat-tfal jaħdmu flimkien biex jagħtu lit-tarbija tleħu nifs sew billi jintuża l-ossiġnu f'forma ta' maskli jew anki tubi li jiddaħħlu mill-ħalq u jaslu sal-pulmun. Jista' jagħti l-każ li jkun hemm bżonn ta' risussitazzjoni tal-qalb fejn is-serjetà tal-problema tinvolvi l-użu ta' messaġġi fuq is-sider tat-tarbija u anki f'ċerti każi jingħataw mediċini f'forma ta' njezzjonijiet fil-vina. Hawnhekk it-tarbija tittieħed fil-qasam tal-kura intensiva tat-tfal fejn tiġi kkurata kontinwament min-nurses u l- ispeċjalista tat-tfal li jibqa' jsegwi l-progress tat-tarbija.

Meta t-tarbija tasal biex toħroġ mill-isptar, terġa' tiġi eżaminata mill-pedjatra biex jara li kollox huwa sew, u l-omm tingħata parir u appuntamenti biex it-tarbija tibqa' tiġi segwita regolarment mill-pedjatra kemm fl-isptar kif ukoll fil-komunità, skond il-każ konċernat.

Fil-komunità l-pedjatra jagħmel l-iscreening tests fuq it-tarbija li aċċennajna għalihom aktar kmieni, fejn isiru testijiet regolari tal-vista tal-għajnejn u tas-smiegħ, tal-iżvilupp psikoloġiku u ntelletwali tat-tfal. Il-pedjatra anki jagħti pariri fuq il-metodi ta' feeding, fejn wieħed jista' jagħti ħalib tas-sider jew ħalib tal- "formula". Tul il-viżti regolari jingħataw pariri fuq meta jiġi ntrodott l-ikel lit-tarbija u anki b'liema tip ta' ikel għandu wieħed jibda juża għat-tarbija tiegħu. F'dawn il-viżti regolari tal-pedjatra, il-ġenituri jingħataw pariri fuq it-tilqim tat-trabi u fuq il-kura ġenerali tat-tarbija. Hawnhekk barra l-ambitu tal-isptar, il-ġenituri jistgħu jitkellmu liberament mal-pedjatra fuq id-diversi diffikultajiet li tista' ġġib magħha l- kura u anki t-trobbija tat-tfal.

Il-pedjatra jibqa' jsegwi t-tfal tul iż-żmien skolastiku tagħhom fejn jitkompla l- iscreening ta' rutina, il progress akkademiku u anki l-iżvilupp psikoloġiku tat-tfal sa ma' jagħalqu s-sittax-il sena tagħhom. •



M'ilhux kont qiegħed nara Milionario fuq Canale Cinque. Min ħejja l-mistoqsijiet għal dawk li kienu qed jikkompetu, ipprepara waħda li fiha kien hemm saying mill-*Gattopardo Giuseppe Tomasi di Lampedusa*, rumanz li kien deher għall-ewwel darba fl-1958, wara l-mewt tal-awtur. Tgħid li l-imħabba, wara sena ta' ħajja miżżewġa, tkun kollha nar u fjammi, imma wara tletin sena ta' ħajja flimkien tisfa rmied. Meta qrajt dan il-kliem fil-kaxxa trijangolari li tidher taħt il-preżentatur u min ikun intagħżel biex iwieġeb id-domandi, għedt f'qalbi: *"Dan il-kliem jirrifletti mija fil-mija ż-żwieġ tagħna!"* Mill-imħabba tal-bidu ma baqa' xejn għajr ftit rmied. Kollox ġie kkunsmat f'qasir żmien. X'diżgrazzja! Possibbli li ħafna miżżewġin tassew jiġrilhom hekk? Jekk tassew jiġrilhom hekk, nistaqsi: mela fejn hu ż-żwieġ?

# Patri William iwieġeb...

*Naħseb li l-awtur tal-Gattopardo kien qiegħed jitkellem b'mod ġenerali meta qal l-istqarrija li qrajt fuq it-televixin tul il-programm popolari li semmejt. Kien qiegħed jitkellem għall-maġġoranza tal-miżżewġin, imma ma kienx qiegħed jirreferi għall-miżżewġin kollha. Naħseb li iva ħafna miżżewġin jirrankaw tajjeb fiż-żwieġ u wara ftit jaqtgħu nifishom speċjalment meta jibdew ġejjin it-tfal.*

*Għall-ewwel l-imħabba ta' bosta miżżewġin lejn xulxin tkun kollha xrar u mkebbsa sew, imma billi fiż-żwieġ ma jkunux deffsu ħafna komunikazzjoni, ħafna ħerqa u riflessjoni, ħafna mpenn, ma jkunux taw importanza għall-onhoinh formation fir-relazzjonijiet ta' bejniethom, jiġri li l-imħabba tmut fuq ommha, wara ftit tmajna, titlef il-qawwa tagħha, għax ħafna drabi jidħlu nteressi ġodda li jieħdu post il-valuri taż-żwieġ, diżgrazzjatament. Fost dawn ta' min isemmi x-xogħol bla nifs, id-divertiment barra d-dar, ċerti passatempi li saru moda fiż-żwieġ u jisirqu ħafna ħin li l-miżżewġin jistgħu jagħtu 'l xulxin, korsijiet kontinwi li jitolbu sigħat twal ta' studju biex dak li jkun imur tajjeb fl-eżamijiet u jgħaddi... F'dan il-każ, iva l-imħabba tal-bidu tidbiel, titlef sbuħitha.*

*Imma kif diġà għedt mhux il-miżżewġin kollha jiġrilhom kif qegħdin ngħidu. Naf miżżewġin li iżjed ma għaddew minn saram, speċjalment mard u mard serju li seta' fixkel l-imħabba ta' bejniethom, iżjed qagħdu attenti biex l-imħabba ta' bejniethom, fl-isfumaturi tagħha kollha fiż-żwieġ, iżjed għaddiet 'il quddiem. Mhux biss ma saritx rmied talli saret torċa li dejjem iżżid fl-intensità tagħha.*

*Jiena u nwieġeb għall-mistoqsija tiegħek ftakart fil-messaġġ prinċipali tal-ġrajja tat-tieġ ta' Kana. F'mument minnhom ir-rajjes tal-mejda jdur fuq l-għarus u jgħidlu: **"Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom, iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid It-tajjeb erfajtu sa issa"** (Ġw 2:10). Hawnhekk qiegħed il-qofol tal-ħajja miżżewġa li l-miżżewġin jibqgħu jservu l-inbid it-tajjeb lil xulxin il-jiem kollha ta' ħajjithom bla ma possibbilment ikun hemm anticlimax f'imħabbithom, inkella ż-żwieġ jibqa' żwieġ u r-raġel u l-mara qatt ma jsiru ġisem wieħed kif iridhom Alla.*

*Jekk l-istqarrija ta' Giuseppe Tomasi di Lampedusa jirrifletti ż-żwieġ tagħkom, dan ma jfissirx li ż-żwieġ tagħkom spiċċa. Ifisser li jekk hemm bżonn tfejquh mill-għeruq tiegħu u terġgħu tagħtuh ħajja ġdida. Fil-vokazzjoni partkolari tagħna qatt ma għandu jkun hemm lok għall-fataliżmu. Qatt ma hi magħmula tagħna, basta nqumu waħda sew fuq tagħna u nagħmlu b'determinazzjoni dak kollu li hu indispensabbli biex l-istil ta' ħajjitna jirnexxi tassew.* •



# L-AZZJONI STRAORDINARJA TAX-XITAN (5)



## ID-DIXXERNIMENT (II)

**Il-pseudo-possessjoni tista' tiġi minn mard psikiku, fejn il-persuna timmanifesta fil-ġisem tagħha il-kundizzjoni metali tagħha. Din hija kapaċità f'kull bniedem. Persuna li tkun għaddejja minn ċertu ammont ta' tensjoni faċli tibda tħoss uġigħ fiżiku li wara testijiet tinduna li l-origini ta' dak l-uġigħ mhuwiex mard fiżiku, imma frott ta' dik it-tensjoni li l-persuna tkun għaddejja minnha.**

Din hija msejjħa 'somatizzazzjoni'. Il-persuna li jkollha tensjoni jew mard psikoloġiku tista' wkoll tassumi ġesti li normalment isiru minn persuna posseduta. Imma jiena ngħid li l-psewdo-possessjoni tista' tiġi anki minn 'mard' spiritwali u morali. Infatti din tista' tigi minn esperjenzi trawmatiċi li ma ġewx mirbuħa jew integrati fil-ħajja tal-persuna: frustrazzjonijiet li jiġu jew minn tifkiriet ta' weġgħat li persuna tkun irċeviet f'età tenera jew anki fiż-żgħożija, minn nuqqas ta' affett u mħabba li persuna tkun sofriet, minħabba l-assenza tal-figura tal-missier jew tal-omm fil-ħajja ta' persuna, minħabba vjolenza fiżika, psikoloġika jew affettiva li persuna tkun għaddiet minnha, minħabba nuqqas ta' maturità psikoloġika u affettiva tal-persuna, minħabba li l-persuna jkollha disordni fil-personalità tagħha, minħabba mibegħda li l-persuna ġġorr għal snin sħaħ f'qalbha, minħabba maħfra li l-persuna qatt ma tkun irċeviet jew tat lil ħaddieħor, minħabba disordni fl-erja sesswali tal-persuna, minħabba dnubiet gravi li l-persuna qatt ma tkun talbet maħfra għalihom.

F'dawn is-sitwazzjonijiet kollha, l-influwenza u l-ħidma tax-xitan tiġi kkunsidrata bħala azzjoni fuq livell ordinarju u mhux straordinarju. Għalhekk m'hemmx għalfejn li l-persuna tissottometti ruħha għat-talb tal-eżorċismu. Iżda żgur li l-persuna jkollha bżonn kbir ta' fejqan profond fil-ġewwieni tagħha. Fil-każ ta' din il-persuna, dan il-fejqan interjuri ma jiġix minn sensiela ta' eżorċismi, imma minn mixja vera u awtentika ta' ħajja nisranija u ta' talb li fih noffru lil Ġesù Kristu il-weġgħat kollha u dak kollu li hu negattiv fil-ħajja tagħha sew jekk il-persuna tkun irċevietu u sew jekk tkun għamlitu.

Hekk il-Mulej jidħol bil-qawwa tal-imħabba u l-maħfra tiegħu fl-istorja tal-ħajja ta' din il-persuna u jfejjaq l-effetti ta' dawk il-weġgħat li l-persuna tkun qed iġġorr ġewwa fiha, effetti li jkunu qed jikkundizzjonaw il-libertà tal-persuna. F'din il-mixja ma rridux ninsew is-sagrament tal-qrar li mingħajru l-persuna ma tistax tirċievi l-vera fejqan ġewwieni.

Għall-eżorċista li jkun akkumula ċertu ammont ta' esperjenza f'dan il-kamp, speċjalment jekk ikollu esperjenzi ta' persuni li verament huma maħkuma mix-xitan, huwa faċli li jinduna meta hemm pseudo-possessjoni għaliex mhux faċli li wieħed jimita l-ġesti u l-imġiba ta' persuna posseduta! Il-persuna posseduta fil-fatt titkellem b'diversi lingwi li qatt ma tkun studjat, kemm lingwi li għadhom jintużaw, imma anki oħrajn li kienu użati fl-imgħoddi, tgħid ħwejjeġ li bl-ebda mod ma tkun tafhom, toħroġ minnha qawwa fiżika li tkun sproporzjonata mal-istatura, il-piż tagħha jew għall-età tagħha, turi ostilità u reazzjoni kbira għal dak kollu lihu sagru, anki jekk hi ma tkunx taf il-preżenza jew il-qawwa ta' dak l-'oġġett', tista' tagħmel fenomeni oħra li ma jagħmlux parti mill kapaċità tal-bniedem.

Fl-aħħar ta' dik is-sena Joseph kompla bl-istudji fis-seminarju ta' Frisinga li kien jinsab quddiem knisja sabiħa ħafna li sa llum għadha għażiża għalih. Kien ferħan l-aktar minħabba l-librerija kbira li b'miraklu ħelsitha mill-ħerba tal-gwerra. Joseph ma nsieħx dan iż-żmien. Seta' jaqra, jaqra u jaqra. Li ma kienx għax dik il-kelma ddejjaqni meta ngħidha, ikolli nistqarr li l-ħabib tiegħi sar kważi "ġurdien tal-librerija".



ĦAJJA TAL-PAPA

# JOSEPH U CHICO (6)

Maqlub għall-Malti minn Emily Barbaro-Sant
Storja ta' Jeanne Perego
Disinji ta' Donata Del Molin Casagrande
Introduzzjoni minn Don Georg Gänswein
Stampat mill-Messaggero di Sant'Antonio

Barra l-latin, Joseph studja t-teoloġija u l-filosofija; żewġ suġġetti komplikati ħafna għalija bħala qattus, imma li għenu lill-ħabib tiegħi isir jaf lil Alla aktar fil-fond u l-mod kif jaħsibha l-bniedem. Wasal iż-żmien għalih li jinkiteb għall-Università f'Monaco fil-Bavarja. U għal darb'oħra reġa' beda jgħix f'sitwazzjoni daqsxejn skomda. Il-bumbardamenti tal-gwera kissru l-bini li fih suppost kellu jistudja; hu, flimkien ma' sħabu tal-kors, kienu mibgħuta f'kastell żgħir barra l-belt li fih il-lezzjonijiet kienu jsiru f'serra qadima li fiha fix-xitwa kienet tagħmel ħafna kesħa, BRRRR! U fis-sajf toqtlok bis-sħana, PUF PUF! Imma Joseph, tant kien ferħan jistudja li bilkemm kien jinduna b'dawn l-inkonvenjenzi.



Il-kastell kien imdawwar b'park kbir, fejn sieħbi kien imur spiss jippassiġġa meta ma kienx ikun impenjat bl-istudji. Matul dawn il-mixjiet qalb il-ħdura li fihom kien ixomm ir-riħa tfuħ tal-ħamrija u jgawdi dak il-ġmiel ta' dawl dieħel minn qalb il-friegħi tas-siġar, beda jaħseb fuq dak li tgħallem fil-lezzjonijiet u fid-deċiżjonijiet importanti li kien se jieħu għal ħajtu, bħal dik li ried isir saċerdot u li jiddedika ruħu għat-tagħlim.

Fl-aħħar, wara sentejn f'dak il-post proviżorju, Joseph u sħabu setgħu jmorru lura fil-belt, ġaladarba parti mis-seminarju li fih kellhom joqogħdu, kienet diġà ġiet irranġata. Fil-bidu, biex jidħlu fil-kamra, riedu jużaw taraġ minn barra. Imma anqas dan ma kien biżżejjed biex jaqta' qalb il-ħabib tiegħi li anki fuq dan iż-żmien għandu rikordji sbieħ.

Ta' 26 sena, Joseph ħa l-lawrja. Il-lawrja, kif tafu, hija l-aktar mument importanti ta' kull student universitarju. Lija esperjenza, li jiena ma stajtx ngħaddi minnha għax aħna l-qtates ma mmorrux Università, ġaladarba m'hawnx Università tal-qtates; imma jekk jagħmluha, jiena żgur li lawrja sabiħa għal min jaqbad il-ġrieden tal-kampanja ma joħodhieli ħadd. Anzi, mqar li jistgħu jibgħatu għalija biex ngħallem. •



# "L-ESPERJENZA TAL-"GĦIMMANU-EL"

"Raġel jgħidulu Ġesù", "Rabbi", "Mgħallem", "profeta", "Mulej", "Messija", "Bin David", "Bin Alla". Kollha titli li nies differenti fl-Evanġelji użaw biex jindirizzaw lil Ġesù. Xi wħud minn dawn it-titli huma għoljin bħalma huma dawk ta' "Bin Alla" u "Mulej" li jalludu għad divinità ta' Ġesù u dawk Messjani bħal "Bin David", u "Messija" li jiddeskrivu xi aspett mill-persuna jew mill-missjoni ta' Ġesù. Oħrajn, bħat-titli "profeta", "rabbi" jew "mgħallem", huma ta' skala nqas għolja. Is-sabiħa hi li kull titlu jikxef fiex waslet il-persuna li qed tlissnu fl-għarfien tagħha ta' Ġesù. Min juża titlu Kristoloġiku għoli jfisser li daħal 'il ġewwa mill-velu u wasal biex għaraf l-identità vera ta' Ġesù. Min juża titli inqas għoljin jurina li għad baqagħlu x'jaqdef biex jasal jagħraf verament min kien Ġesù.

Bħan-nies li nsibu fl-Evanġelji, aħna wkoll jeħtiġilna nikkonvertu fl-idea li għandna ta' Alla. Minħabba ġabra ta' fatturi (pereżempju, it-trobbija u l-edukazzjoni passata tagħna, ir-relazzjonijiet li kellna ma' persuni fl-awtorità, l-istorja personali tagħna, eċċ.) jista' jkun li nkunu weħilna fl-ideat mhux korretti dwar Alla bħal pereżempju l-idea li Alla huwa xi sadist li jieħu gost jgħaffiġna bil-problemi u t-toqol tal-ħajja, jew l-idea ta' Alla pulizjott li dejjem lest jikkundannana għal kull żball li nagħmlu, jew l-idea ta' Alla employer li jeżiġi effiċjenza u produttività bla taqta'.

F'kuntrast ma' dawn l-ideat skorretti li nistgħu nġorru fina dwar Alla, is-siltiet fl-Evanġelji li jirrakkuntaw it-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, li jinżlulna għasel f'dawn il-jiem kesħin ta' Diċembru, jirrevelawlna l-Wiċċ Veru ta' Alla, mhux iktar dak ta' Alla sadist, Alla pulizjott jew Alla employer, imma dak ta' Alla li hu viċin tagħna, li hu l-"Għimmanu-El", **"Alla Magħna", Alla li mhuwiex 'il bogħod minna, Alla li waqqaf it-tinda tiegħu fostna, Alla qrib, Alla li deher fostna fil-Persuna ta' Ibnu Ġesù. Il-Misteru tal-Inkarnazzjoni bħal donnu jlaħħam dak il-versett sabiħ li nsibu fil-ktieb tad-Dewteronomju: "Għax liema ġens hu hekk kbir li għandu l-allat hekk qrib tiegħu daqs kemm hu qrib tagħna l-Mulej, Alla tagħna, kull x'ħin insejħulu?"** (Dewt 4:7). Dan hu l-Wiċċ Veru ta' Alla tagħna!

Kull Nisrani huwa msejjaħ biex jagħmel din il-qabża affaxxinanti fil-mod kif iħares u jirrelata ma' Alla: minn Alla kif jidhirli jien (sadist, pulizjott, employer) għal Alla kif fil-fatt irrivela lilu nnifsu Hu (l-"Għimmanu-El"). T.H. Green S.J. jiddeskrivi dan il-proċess ta' konverżjoni fl-idea tagħna ta' Alla bħala "kontemplazzjoni". Jawgura li fil-mixja tiegħu, in-Nisrani jesperjenza waqtiet fejn jikkontempla lil Alla b'mod ġdid. Dawn ikunu waqtiet ta' Tabor li fihom **"il-Mulej isir xi ħadd reali"** f'għajnejn in-Nisrani; ma jibqax iżjed idea mentali, nozzjoni konċettwali, lista arida ta' kmandamenti barra minnu, kontenut li tgħallem bl-amment, imma jagħrfu tabilħaqq bħala ħabib, bħala xi ħadd ħaj u viċin li jsejjaħ, li jisseduċi, li jitkellem, li jistieden għal relazzjoni intima, li jimpurtah minnu b'mod personali, li għandu kelma, rieda, ħolma, missjoni speċifika għalih.

Din l-esperjenza fejn għan-Nisrani Alla jsir realment **"Mulej tiegħi u Alla tiegħi"** (Ġw 20:28) mhix marbuta ma' żmien jew età partikulari. Insibu qaddisin li ġarrbuha f'età tenera (Santa Tereżina) u oħrajn iktar tard f'ħajjithom (Santu Wistin). Il-mument li fih żagħżugħ iħoss iġġammar f'qalbu s-sejħa għall-ħajja saċerdotali jew reliġjuża jista' jgħin ferm f'dan il-proċess ta' konverżjoni fl-idea ta' Alla. Meta ż-żagħżugħ jintebaħ li l-istess Alla li sejjaħ lil Abraham, lil Mosè, lill-profeti tal-qedem u lil tant qaddisin tul dawn l-elfejn sena ta' Kristjaneżmu, issa qed jistieden propju lilu biex jingħata kompletament lilu u jgħix biss għalih, jidħol hu wkoll fl-esperjenza tal-"Għimmanu-El". Ftit ftit, Alla ma jibqax għall-imsejjaħ xi ħadd imbiegħed, xi norma narra minnu, imma f'għajnejh jibda jieħu s-sura ta' l-għarus fl-Għanja ta' l-Għanjiet – għarus marid bl-imħabba li jisseduċi, iħajjar, jiġbed, isejjaħ lill-għarusa u jdaħħalha **"ġewwa fil-kmamar tiegħu"** (Għan 1:4), **"fil-kantini tal-inbid"** (Għan 2:4) biex hemmhekk **"bi driegħu tax-xellug iwieżen rasi, u bil-lemin jgħannaqni"** (Għan 2:6). Dan hu l-Wiċċ Veru ta' Alla tagħna! •



# IL-MEDIA U T-TEKNOLOĠIJA



It-tfal fl-USA iqattgħu minn 22 sa 28 siegħa fil-ġimgħa jaraw it-televiżjoni. Kważi minn tlieta sa erba' sigħat kuljum. Quddiem din iċ-ċifra wieħed jista' jistaqsi jekk it-tfal tagħna għandhomx iqattgħu iktar ħin f'attivitatjiet iktar b'saħħithom milli quddiem it-TV.

Temmnuni kieku ma' din l-istatistika nżidu li anki l-ħxuna fit-tfal, il-vjolenza fl-iskejjel, n-nuqqas ta' qari u nuqqas fil-ħila matematika ġejja wkoll minn ħafna ħin quddiem it-TV? Għandna tfal li ma jagħtux każ tal-homework u ta' eżerċizzju fiżiku biex jinxteħtu quddiem it-TV bil-boroż taċ-chips. Il-video games li għandna, li huma ħafna fast paced u t-TV qassru l-ħin tal-attenzjoni li t-tfal ikollhom. Li t-tfal jaqbdu ktieb sar hobby inqas ipprattikat. Il-vjolenza li t-tfal jaraw fuq it-TV qegħda tkun replayed fl-iskejjel.

John Healy, pedjatra, jgħid li t-TV idaħħal il-qawwiet tal-moħħ fi stat ta' anestesija u b'hekk jibda jintilef il-bilanċ bejn in-naħa tal-lemin u tax-xellug tal-moħħ. Healy kiteb dan għax induna kemm ibnu kien qiegħed ikun inqas attent għal dak li jgħidlu u għal dak li jiġri madwaru, għax ikun għal ħafna ħin inkullat mas-set tat-TV. Ma kienx qiegħed iktar jivvinta logħob, imma dak li jara jipprova jimitah b'mod repettitiv, mhux kreattiv, anzi riġidu.

Healy jikkummenta fuq fatt li kien jiġri fi żmienu. Li meta kien iżgħir il-ġenituri kienu jinkuraġġuh jara Thomas the Train u Barney għax kienu shows li kienu jgħinu l-proċess tat-tagħlim. Fil-fatt ħafna jemmnu li t-TV huwa għodda edukattiva u jista' jgħin lit tfal jitgħallmu. Imma hemm linja ferm irqiqa u għalhekk faċli tinqabeż bejn it-TV bħala għodda edukattiva u baby sitter.

Minkejja li xi ġenituri jħossu li dan mhux il-każ li t-TV spiċċa jkun

baby sitter, imma jolqotni l-fatt f'kemm djar it-tfal l-ewwel ħaġa li jagħmlu meta jinżlu mis-sodda huwa li jmorru quddiem it-TV. Qabel konna naraw it-TV bil-permess tal-ġenituri, illum hija attitudni. Li jaraw it-TV filgħodu 'tat-tfal' jagħti spazju u ċans lil ġenituri li jagħmlu l-lunch u l-affarijiet ta' filgħodu.

Għal ħafna minna, li jiġri huwa li dawn il-mumenti tant kemm isiru rutina li diffiċli li tkissirhom u hemmhekk huwa s-sinjal li dik il-linja bejn edukazzjoni u baby sitting tkun inqabżet. Mhux sorpriż għalhekk meta ssib tfal li jiddefendu l-jedd li għandhom li jaraw it-TV għax lhossuh dritt. Jibdew isaqsu għalfejn dan 'il ħafna tnaqqis fil-ħin quddiem is-set u l-konsegwenzi tar-riots id-dar mal-ġenituri.

Nell Minow, awtriċi tal-ktieb ***"The Movie Mom's Guide to Family Movies"***, tinsisti fuq dan il-parir: li wieħed jara t-TV jew DVD huwa treat mhux dritt. Minow tinsisti li din l-attività tiġi biss wara li sar l-homework, xi xogħol żgħir fid-dar, logħob differenti u ħin tal-familja. Hi tikkwota esperjenzi ta' ġenituri li ppruvaw din it-teorija u b'mod realistiku tgħid li t-tfal kapaċi ħafna jieħdu vantaġġi mill-inkonsistenzi tiegħi. Imma meta jkolli pjan tajjeb il-ħin quddiem it-TV jonqos. Ħafna ġenituri jħossu li kemm dak li jaraw it-tfal u anki kemm idumu quddiem it-TV ma jagħmel ebda ħsara. Il-ġenituri jaraw li jkunu ċerti li dak li jaraw it-tfal huwa adattat għalihom. Tisma' min jgħid li t-tifel diġà jaf jgħid l-ABC u jgħodd sat-20.

U kif Sesame street għenu f'din il-ħila. Imma mhux kollox hekk ileqq u tajjeb. Meta t-tfal joħorġu minn dik il-fażi ta' pre-school u jibdew jaraw iktar TV, ma jfittux programmi li jkollhom rwoli posittivi.

Mhux se nsemmu programmi f'dan l-artiklu, imma esperjenza komuni ta' xi ġenituri hija li kif xi tfal bdew jaraw per eżempju l-Power Rangers, bdew jiġġieldu u jsawtu iktar lil oħrajn!

Mela l-ġenituri x'jistgħu jagħmlu? Ħadd mill-ġenituri ma jrid li t-tfal jinħlew quddiem it-TV. Alternattiva żgur hija li l-ġenitur jitfi t-TV meta jħoss li hekk hemm bżonn u joħloq attivitajiet oħrajn ta' mistrieħ. Ma għandekx għalfejn tneħħih, imma li tpoġġi limiti fuq kemm jaraw. Niftakru f'dak li qalet Nell Minow: It-TV u d-DVD hija treat mhux dritt.

Ninsistu li l-ewwel isir dak li hemm bżonn isir: homework, studju, logħob. Meta dan sar allura naraw ftit TV. Nillimitaw il-video games. Jekk m'hemmx sistema ta' video game d-dar, tixtrihiex! Jekk tkissret, tirranġahiex! Ħafna ġenituri jħossu li l-logħob tal-video games jgħin fil-ko-ordinazzjoni bejn l-għajn u l-id, imma m'hemm l-ebda riċerka li tivverifika dan. Li tilgħabu logħba ping pong jew piano jagħmel l-istess.

Ħu ħsieb l-użu tal-kompjuter. Kompjuters huma barka ta' nformazzjoni, imma wkoll toqol f'ħafna djar. Jiftħu bibien ta' għerf u tagħlim, imma l-internet jaf ikun għalqa perikoluża għat-tfal. Kompjuters id-dar għandhom kemm jistgħu ikunu f'areas pubbliċi. Jekk it-tfal jafu li hemm ġenitur magħhom se jonqsu li jidħlu online f'territorju perikoluż. Tgħallem idħol inti ukoll fil-computer history ħa tara dak li t-tfal jaraw.

Ċertament mhux dak kollu li jiġri fil-ħajja tat-tfal huwa tort it-TV jew il-media, però rridu nkunu iktar aware ta' dak li jkun hemm. Għalhekk irridu nieħdu xi passi żgħar fid-direzzjoni t-tajba. It-tfal mhux bilfors se jkunu entużjasti b'dan, imma jafu jaddattaw ruħhom. Il-qari u l-logħob huwa alternattiva. Is-sagrifiċċju ta' llum jaf iħalli l-frott fis-snin li ġejjin. •





# IL-BOLOL TA' MALTA (11)

## MILIED 1973



Dan is-sett modern tal-Milied mill-pittur Emvin Cremona ħareġ fl-10 ta' Novembru 1973. Il-bolla tat-8ċ+2m turi l-anġli fi sfond tal-pajpijiet tal-orgni; tat-3ċ+1ċ turi l-Madonna bil-Bambin u tas-7ċ+1ċ5 turi l-kewkba tal-Milied bi sfond tal-bini Malti.

## NIES PROMINENTI MALTIN



Fit-12 ta' Jannar 1974 il-Posta ta' Malta ħarġet sett ta' ħames bolol biex tfakkar ħames Maltin li għamlu isem għalihom infushom u għall-Malta fl-istorja tagħha. Il-bolla taċ-1ċ3 turi lill-magħruf perit, inġinier u suldat Ġlormu Cassar (1520 – 1586) li ngħata r-responsabbiltà mill-Ordni ta' Malta għall-bini tal-Belt Valletta u l-fortifikazzjonijiet tagħha. Il-bolla tat-3ċ turi lil Ġużeppi Barth (1745 – 1818) li kien optalmoloġista u iktar tard it-tabib personali tal-familja tal-Imperatur Josef II tal-Awstrija. Tal-5ċ turi lil Nikol Isouard (1775 – 1818) li kkompona opri u mużika klassika u sagra u anki għandu triq imsemmija għalih f'Pariġi.

Tas-7c5 turi lil Ġanni Borg (1873 – 1945) li kien botaniku u l-kap tal-botanika fl-Università Rjali ta' Malta u kittieb dwar l-istorja naturali u l-agrikultura. Antonio Sciortino (1879 – 1947) jidher fil-bolla tal-10ċ bħala skultur li studja wkoll l-inġinerija u l-arkitettura. Ix-xogħol tiegħu tal-monument tal-gwerra f'Londra kien imsejjaħ bħala "wieħed mill-ikbar pjani arkitettoniku li qatt għamel il-bniedem".

## INAWGURAZZJONI TAL-AIR MALTA

Il-kumpanija tal-Air Malta twaqqfet bl-Att tal-Parlament tal-21 ta' Marzu 1973 u bdiet topera sentejn wara b'żewġ Boeings 720B mislufa mill-Pakistan. Fl-1 t'April 1974 il-linja tal-ajru bdiet tagħmel l-ewwel titjiriet bl-ajruplani tagħha. F'dik il-ġimgħa kien hemm titjiriet għal Londra, Birmingham, Manchester, Ruma, Tripli, Pariġi u Franfurt. Fit-30 ta' Marzu 1974 il-Posta ħarġet 7 bolol li juru żewġ xeni differenti. Tat-3ċ, 5ċ, 20ċ u 35ċ juru s-simbolu tal-ġwejnaħ tal-ivjaġġar bl-ajru, filwaqt li tal-4c, 7c5 u 25ċ juru Boeing 720B għaddej minn fuq Malta.

## EWROPA 74



Biex tiċċelebra t-tema tal-Ewropa, il-Posta fit-13 ta' Lulju 1974 ħarġet erba' bolol li juru xogħolijiet artistiċi minn erba' perjodi differenti tal-istorja ta' Malta. Il-figura prelstorika fuq il-bolla taċ-1ċ3 hija magħmula mill-ġebla Maltija u tirrappreżenta l-alla mara. Il-bolla tat-3ċ turi l-bieb sabiħ magħmul mill-ballut tas-sagristija tal-Katidral tal-Imdina. Huwa maħsub li dan il-bieb huwa tas-seklu 11 u kien il-bieb prinċipali tal-Katidral l-antik li kien waqa' b'terremot. Tal-5ċ turi sfera sabiħa tal-fidda magħmula Ruma fl-1689 u li fiha kienet tinżamm ir-relikwa ta' San Ġwann il-Battista.

Din kienet tinżamm fl-oratorju tal-Katidral ta' San Ġwann iżda tneħħiet minn hemm mill-Gran Mastru Hompesch meta l-kavallieri telqu minn Malta.

Il-bolla tas-7ċ5 turi waħda mill-isbaħ xogħolijiet klassiċi ta' Antonio Sciortino magħrufa bħala l-Vetlina li kienet intweriet Londra fl-1927.




## ĊENTINARJU TAL-UNJONI UNIVERSAL TAL-POSTA










L-Unjoni Universali tal-Posta hija waħda mill eqdem għaqdiet inter-governattivi. Twaqqfet fl-1874 bit-Trattat ta' Berne u Malta ngħaqdet magħha s-sena ta' wara. Hija saret aġenzija tal-Ġnus Magħquda fl-1948. Ix-xogħol tagħha huwa li tiffaċilita s-servizzi postali, tibbilanċja l-ispejjeż postali, tgħin f'każ ta' nuqqas ta' ftehim u tipprovdi assistenza teknika. L-erba' bolol li ħarġu f'Malta fl-20 ta' Settembru 1974 juru lil Heinrich von Stephan (1831 – 1897) li kien Postmaster General tal Ġermanja u fundatur tal Unjoni. Bħala sfond naraw it tibdiliet li saru fit-trasport tal-ittri bl-art (1ċ3), bil-baħar (5ċ) u bl-ajru (7ċ5) u l-kwartier ġenerali tal-Unjoni (50ċ). •

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19. Għal First Day Cover ta' Bolol Maltin ibgħat 20 bolla fl-indirizz ta' hawn taħt.***

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

**Liema Malti magħruf jissemma' fi tnejn mill-bolol li jinsabu f'dan l-artiklu?**

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz:
**Kompetizzjoni Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Novembru 2008 kienu:**

1. **Andrew Fiott, 27, Triq it-Trunċiera t-Twila, San Ġwann SĠN 2123**
2. **Maria Casha, 29, Triq Ġużè D'Amato, Paola PLA 1248**
3. **Emmanuel Zarb, Seafront Court/6, Marina Alley 1, Pietà PTA 1621**



POEŻIJA

# BĦALNA JEW BĦALHOM?

Bħal nemlu li fuq ras ta' statwa jimxi
Biex jerġa' jitħallat nemlu man-nemel zgħir...
Hekk eroj għaref mogħni bl-umiltà.

Bħal brimba bejn żewġ ħitan imdendla,
Titbandal b'ħilitha, u terġa' u terġa'...
Min hu mżejjen bit-tama fil-Mulej.

Bħal ħmar mgħammad idawwar is-sienja
bħalma amarlu sidu, bla ħsieb ta' xejn...
Min b'ħeġġa jwettaq xewqet il-Mulej.

Bħal qattus sabiħ dejjem imfisssed,
B'sieq ratba l' issa tmelles, u mbagħad tigref...
Hekk kull bniedem mnissel min Adam.

Bħal għasfur li l-għodwa ħieni jsellem
Qabel ma ttajar l-għixien tal-jum ifittex ...
Hekk kull b'qalb kbira jaf irodd ħajr.

Bħalma għasfura dud u ż-żrieragħ tfittex
Biex lill-friegħ li welldet tmantni ...
Hekk missier bieżel u ħanina omm.



# ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal, din hi rokna għalikom.
Sibu l-kliem mitlufin.

**Mill-Apokalissi**

| | |
|---|---|
| AJKLA | KRISTALL |
| BAĦAR | QADDIS |
| BERAQ | QAWSALLA |
| ĊETRA | RIMJA |
| ĠASPRU | SIĠĠU |
| ĠUDA | TORĊI |
| GLORJA | TRON |
| ĦARUF | UNGWENT |
| ĦLIQA | XIĦ |
| ILJUN | ŻMERLAD |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| G | R | I | M | J | A | Ġ | K | Q | A | R | E | B |
| S | L | J | L | I | C | R | O | T | C | J | Ġ | Q |
| I | Ġ | O | Ħ | L | I | G | R | E | Ż | U | A | I |
| D | U | D | R | S | R | O | T | I | D | D | L | K |
| D | N | L | T | J | Ħ | R | B | A | Ħ | J | I | S |
| A | Ħ | A | C | Ġ | A | Ż | T | E | U | Ż | A | A |
| Q | L | R | X | I | Ħ | N | M | N | R | G | L | O |
| L | I | E | K | S | E | B | U | E | C | L | K | Ħ |
| M | C | M | I | W | Q | Ġ | X | R | A | U | J | L |
| S | B | Ż | G | T | Ġ | A | K | S | P | K | A | I |
| Q | A | N | X | I | R | P | W | R | I | S | B | Q |
| N | U | Ġ | S | I | Ġ | A | N | O | R | T | A | A |
| B | A | Ħ | A | R | Q | K | F | U | R | A | Ħ | Ġ |

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-Rebbieħ ta' Novembru 08 huwa:
Brad Fenech - Naxxar.
Nifirħulek!**

# TISLIBA - 86



1. Din kienet bil-ħobż. (Lev 8,2) **(5)**
2. Hu kien l-aqwa. (1 Kron 11,20) **(6)**
3. Nies ta' qrib dan. (Sof 2,5) **(5)**
4. Ma jafux jagħżlu bejn hawn u x-xellug. (Ġona 4,11) **(5)**
5. Il-ferħ jinbidel f'din. (Ġak 4,9) **(4)**
6. Bħalha tgħarraqlu ġmielu. (S 39,12) **(5)**
7. Dawn kienu ta' missirijiethom (2 Mak 12,39) **(5)**
8. Kien ma' Mosè. (Mk 9,4) **(5)**
9. ...ngħaġġel inroddhielkom. (Ġoel 4,4) **(3)**
10. Missier Ester. (Est 2,15) **(7)**
11. u 12. Infittxu mhux fit-triqat biss. (Għan 3,2) **(6)**
13. ...u għalhekk tkellimnt. (2 Kor 4,13) **(6)**
14. Din spiritwali. (Efes 1,3) **(5)**
15. Qisu xi wild ta' dawn. (Dan 3,92) **(5)**
16. Il-materjal tal-palk. (Neħ 8,4) **(5)**
17. B'*naqra* nar. (Sir 11,32) **(5)**
18. Il-qamar waqaf fuq il-wied ta' hawn. (Ġoż 10,12) **(7)**
19. Hekk jagħmel il-Mulej mis-sema. (Lam 3,50) **(4)**
20. ...inħasel. (Ġw 9,7) **(3)**
21. Is-*saħna* ta' Alla. (Kol 3,6) **(5)**
22. Kmandant u z-ziju ta' Sawl. (1 Sam 14,50) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' NOVEMBRU 08:**

***1. Bosta; 2. Ifirħu; 3. Waħda; 4. Xewqa; 5. Ikla; 6. Allat; 7. Offra; 8. Eskol; 9. Tar; 10. Daqqaqa; 11. u 12. Musmar; 13. Assiri; 14. Borom, 15. Irfid; 16. Siġar; 17. Jdubu; 18. Offerti; 19. Fidi; 20. Sid; 21. Ordni; 22. Aħrab.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-Rebbieħa ta' Novembru 08 hija:
Sarah Kraus - Ħaż-Żabbar. Nifirħulek!**



# SAN PAWL
## DEDIKAZZJONI SĦIĦA GĦAL KRISTU, MIFTUĦ GĦALL-UMANITÀ (2)

### Il-Laqgħa ma' Kristu Rxoxt biddlet ħajjet Pawlu

**"Il-mument deċiżiv f'ħajjet Pawlu kien fit-triq ta' Damasku fil-bidu tat-tletinijiet tal-ewwel seklu, wara żmien jippersegwita lill-Knisja..."**

Hekk beda l-Papa Benedittu meta kompla bil-katekeżi tiegħu dwar San Pawl.

Il-Papa jħoss li biex wieħed jifhem x'ġara lill-Appostlu hu u sejjer Damasku għandna żewġ sorsi. L-ewwel u l-aktar popolari hija l-kitba ta' San Luqa li jsemmi dak li ġara tliet darbiet fl-Atti ta' l-Appostli. Id-dettalji li juża l-Evanġelista biex jagħti aktar dawl dwar dak li ġara nsibu...

- d-dawl mis-sema,
- Pawlu jaqa' ma' l-art,
- l-għama li waqa' fiha...

kollha jagħtu l-qalba ta' dak li ġara... Kristu Rxoxt jidher bħala dawl impressjonanti li kellem lil Pawlu u biddillu moħħu u ħajtu. Din il-laqgħa ma' Kristu, li hi l-punt ċentrali fil-kitba ta' San Luqa, tat bixra ġdida lil Pawlu fis-sens ta' konverżjoni vera u sħiħa.

It-tieni sors, skond il-Papa Benedittu, huma l-ittri ta' San Pawl innifsu. San Pawl qatt ma qal x'ġara dakinhar kelma b'kelma, forsi għax emmen li kulħadd kien jaf dak li kien hemm bżonn... minn persekutur, hu mbidel f'Appostlu qalbieni ta' Kristu, mhux xi ħaġa li saret, biex ngħidu hekk minn rajh, imma minħabba ġrajja tremenda... laqgħa ma' dak li Rxoxta.

F'xi wħud mill-kitbiet ta' dan l-Appostlu tal-Ġentili naraw li hu jemfasizza bil-kbir id-dehra ta' Kristu Rxoxt... li tagħha hu nnifsu kien il-veru xhud... kienet il-pedament tal-appostolat tiegħu... il-pedament ta' ħajja ġdida, kompla jispjega l-Papa Benedittu.

Madankollu l-Papa Benedittu kompla jispjega li San Pawl qatt ma qies dan l-avveniment bħala konverżjoni. Ir-raġuni hi ċara għaliex din il-bidla f'ħajtu ma kenitx bħala riżultat ta' proċess psikoloġiku, ta' evoluzzjoni intellettwali jew morali, imma mill-frott tal-laqgħa tiegħu ma' Ġesù... it-tiġdid ta' San Pawl ma jistax jitfisser mod ieħor. Analiżi psikoloġika ma tistax tiċċara jew issolvi l-problema... il-qawwa tal-laqgħa ma' Kristu hija ċ-ċavetta li tista' tgħinna nifhmu x'ġara.

Il-Q.T. il-Papa għalaq din il-parti tal-katekeżi bil-messaġġ li għalina il-Kristjaneżmu mhuwiex xi filosofija ġdida jew forma ġdida ta' moralità għax aħna Insara jekk niltaqgħu ma' Kristu, anki jekk hu ma jirrevelax lilu nnifsu lilna b'mod ċar u bla ebda dubju ta' xejn daqskemm irrevela lil Pawlu meta għamlu Appostlu tal Ġentili. Aħna nistgħu niltaqgħu ma' Kristu fil-qari tal-Iskrittura Mqaddsa, waqt it-talb u matul il-ħajja liturġika tal-Knisja... u bihom immissulu qalbu u nħossu li hu qed jolqot il-qlub tagħna. Hu biss b'din ir-relazzjoni personali ma' Kristu, fil-laqgħa tagħna mal-Irxuxtat li nkunu veri Kristjani, veri Insara. •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l offerta jkollu sehem kbir fil ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**